# Dawl Franġiskan

Leħen il-Kapuċċini Maltin

JANNAR 2016
Għadd 356 • Is-36 sena
Newspaper Post IISN 1811-5373




**Marija Omm Alla,**
itlob għalina u itlob magħna

**Dawl Franġiskan**
Leħen il-Kapuċċini Maltin



Marija, Omm Alla, itlob magħna u itlob għalina. Il-Liturġija tal-Knisja ta' kull sena tiċċelebra l-festa tal-Maternità Divina nhar l-1 ta' Jannar. B'hekk nagħtu bidu għas-sena ġdida taħt il-ħarsien ta' Ommna Marija.

# Werrej

3 **Editorjal**
Sena ġdida:
l-isfida taż-żmien

5 **Ġi.Fra**
Claire Scerri

6 **Il-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena ta' Alla**
Fr Mario Attard OFMCap
(It-tieni parti)

8 **Soċjoloġija Morali**
Renè Micallef SJ

10 **Bibbja**
Mons. Lawrenz Sciberras
(It-tielet parti)

12 **Poeżija**
Filippu Chircop

13 **Inkunu xhieda fidili għas sejħa b'ħajja ta' talb**

14 **Reliġjon u Kultura**
Joseph Camilleri

16 **Knisja: Ħajja, Ħidma u Aħbarijiet**
P. Silvestru Bonavia OFMCap

18 **Sehem il-lajċi fil-Knisja**
Jude Muscat

20 **Mill-iskola ta' Patri Piju tal-Pjagi**
Fr Joe Buttigieg OFMCap
(L-ewwel parti)

22 **Missjoni**
Mons. Salv Grima

24 **Missjoni**
Mons. Joseph Alessandro OFMCap, Isqof ta' Garissa

28 **Aħbarijiet tal-provinċja**
Fr Publius Mair OFMCap,
Segretarju Provinċjali

31 **Kompetizzjoni**
Logħba għat-tfal
Tisliba Nru. 145
P. Wistin Attard OFMCap

Bord Editorjali

Editur
Fr Philip Cutajar OFMCap

Amministratur
Dorian Holland OFS

Distributuri Malta
Alfred Ebejer

Distributuri Għawdex
Pierre E. Buttigieg OFS

Membri
Joe Debattista GFF
Marija Zammit ĠI.FRA

Direzzjoni u Amministrazzjoni

Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Telefown: 2123 3874,
2122 5525,
2123 4949

Imejl:
dawlfrangiskan@gmail.com

IISN 1811-5373

Disinn u Stampar
Best Print Co. Ltd
Telefown: 2168 0789

© Dawl Franġiskan 2016
Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini

Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena.

Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid Direttur:

Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.



# SENA ĠDIDA l-isfida taż-żmien



EDITORJAL
Fr Philip Cutajar OFMCap

Ix-xahar ta' Jannar idaħħalna f'sena ġdida. Sena ġdida dejjem iġġib magħha sfidi ġodda, proponimenti li jgħinuna ntejbu l-ġejjieni, aspirazzjonijiet imsieħba minn tamiet mimlija b'ottimiżmu għalkemm l-inċertezzi tal-futur ma jonqsux. Nagħtu bidu għal sena oħra bl-isbaħ xewqat li nagħtu lil xulxin. Jgħaddu l festi b'dak kollu li jġibu magħhom u mill-ġdid naffrontaw il-ħajja normali ta' kuljum b'dak kollu li ġġib magħha: is-sabiħ u l-ikrah, is-suċċessi magħġuna ħafna drabi mal-fallimenti, il-ferħ imħallat man-niket, li fil-ħajja ma jonqosx.

U hekk kif qed nitkellmu mill-isfidi li hemm jistennewna għas-sena l-ġdida, hemm waħda minnhom li hija komuni għal kulħadd. Sfida li tolqot lil kulħadd. Sfida li nemmen li hija kruċjali għax minnha jiddependi ħafna jekk aħniex sejrin nirbħu jew le l-isfidi l-oħra, li żgur jiġu. Qed nitkellem *mill-isfida taż-żmien.*

## Il-valur taż-żmien

Meta tiġi wiċċ imb wiċċ mar-realtà tat-tmiem ta' sena u bidu ta' sena ġdida żgur li jiġik f'moħħok il-valur taż-żmien, u ngħidu, "Kif itir iż-żmien!" jew "Kemm jgħaddi malajr iż-żmien!" jew "Għaddiet sena oħra." Ħsibijiet bħal dawn jiġuna wkoll meta niċċelebraw, sena wara l-oħra, il-*birthday*. U aħna forsi l-espressjonijiet li joħorġu minn fommna jkunu aktar iebsa, bħal ngħidu aħna "Xjaħna sena oħra."

Tajjeb li hawnhekk niftakru f'dak li jgħid is-Salm 39:

**Ara, tul xibrejn għamiltli jiemi,**
**żmien ħajti qisu xejn quddiemek, Mulej.**
**Tassew, daqsxejn ta' nifs kull bniedem,**
**bħad-dell jgħaddi l-bniedem;**
**għalxejn joqgħod jitħabat,**
**jaħżen il-ġid bla ma jaf min għad jiġbru.**

Huwa għaqal kbir, huwa sens ta' maturità u għerf meta nirriflettu u nitkellmu dwar il-valur taż-żmien, mhux għax nibżgħu meta narawh għaddej malajr u jaħrab minn idejna bħal leħħa ta' berqa, imma biex nibżgħu għalih, ngħixuh billi ninvestuh tajjeb.

## Kif sejrin ninvestuh?

Fil-bidu ta' sena ġdida, f'relazzjoni maż-żmien li għandna quddiemna, nixtieq naqsam magħkom xi suġġerimenti prattiċi li żgur għandhom ikunu ta' għajnuna għalina lkoll, bil-għan li ma naħlux iż-żmien fix-xejn u lanqas nibżgħu minnu.

1. Iż-żmien mhux tagħna. Iż-żmien huwa misluf lilna. Huwa wieħed mill-akbar rigali li Alla qed jagħtina. Agħraf li dan huwa rigal, aktar milli mogħti lilek, huwa misluf lilek. Għalhekk użah tajjeb. Il-bniedem li jasal li jaħli mqar siegħa waħda minn ħajtu jfisser li għadu ma skopriex il-valur tal-ħajja. Ftakar li kif jgħidu, 'iż-żmien itir', imma huwa int li trid tkun il-pilota li tikkontrollah u tmexxih.

2. Ħadd ma jaf meta dan iż-żmien li kull bniedem maħluq huwa mogħni bih ser jispiċċa. Ħadd ma jista' jaħlef fuq għada. Għada mhux tagħna. Għalhekk tħallix għal għada, imma ibda mil-lum uża b'reqqa ż-żmien u taħlihx fix-xejn. Iż-żmien għal min jaf jużah tajjeb dejjem huwa biżżejjed.

3. Investi tajjeb iż-żmien fil-Mulej billi tagħraf tagħmel dejjem ir-rieda tiegħu. Iċċappasx u tħammiġx iż-żmien bid-dnub. Ftakar li ż-żmien jiswa daqs Alla, għax jekk fiż-żmien tista' tiskopri lil Alla, huwa wkoll fiż-żmien li tista' titlef lil Alla. Dak li huwa tassew tagħna huwa ż-żmien. Ladarba inti propjetarju taż-żmien investih tajjeb. Ftakar li ż-żmien mitluf qatt ma tista' tirkuprah.

4. Qaddes iż-żmien billi tieħu ħsieb tfittex u ssib diversi ħinijiet matul il-jum sabiex tingħaqad ma' Alla permezz tat-talb. Donnu sirna għandna żmien għal kollox minbarra għal Alla, li qed jagħtina l-ħajja u ż-żmien.

5. Uża tajjeb iż-żmien, bil-għan li taħżen teżori għas-sema. Fittex li tgħix aktar milli teżisti. U tkun qed tgħix meta tuża ż-żmien biex tħobb u tgħin b'kull mod lill-proxxmu tiegħek. B'hekk ma tmurx quddiem Alla b'idejk vojta imma mimlija opri tajba. Igħidx li m'għandekx ħin, li ż-żmien ma jservikx. Ftakar li għandek l-istess 24 siegħa kuljum bħalma kellhom San Franġisk ta' Assisi, Madre Teresa, il-qaddis Papa Ġwanni Pawlu II u nies kbar oħra.

6. **Is-sabiħ fil-ħajja ta' kuljum, minbarra l-għaqda kontinwa tiegħek ma' Alla, qiegħed f'li jkollok dejjem x'tagħmel – ikollok lil xi ħadd lil min tħobb – u li jkollok aspirazzjonijiet li tħares lejhom b'tama.**

## Nagħtu sens lis-sena ġdida

Jekk trid tagħti sens lis-sena li għadna kemm tajna bidu għaliha, filwaqt li żżomm dak kollu li diġà ktibt hawn fuq dwar il-valur taż-żmien, huwa meħtieġ ukoll li żżomm f'moħħok u qalbek dawn il-ftit ħsibijiet li flimkien nistgħu wkoll npoġġuhom bħala proponimenti għall-futur:

- Jekk din is-sena trid tassew iżżomm xi ħaġa għalik, agħtiha lil xi ħadd.
- Jekk din is-sena trid ikollok il-ferħ, agħti l-ferħ lil xi ħadd li m'għandux.
- Jekk din is-sena trid li jkollok il-paċi, agħti l-paċi lil ta' ħdejk.
- Jekk din is-sena trid li jkollok il-ħajja, agħti l-ħajja lil xi ħadd.
- Jekk din is-sena trid li jkollok l-imħabba, agħti l-imħabba tiegħek lil dawk kollha li ser tiltaqa' magħhom, huma min huma.



**Jekk matul din is-sena l-ġdida trid titlef dawn il-valuri kollha li semmejna, żomm kollox għalik. Biss, kun af mill-bidu nett ta' din is-sena li jekk ser iżżomm għalik dak kollu li lill-bniedem jagħmlu bniedem, ħajtek ser iddublek f'qasir żmien. Is-sena hi magħmula minn jum wara jum, kull jum huwa bħal nifs li nieħdu. Kull nifs li tieħu trid terġa' toħorġu, għax jekk jibqa' ġewwa fik joqtlok.**



# L-idejn *tat-talb*



ĠI.FRA
Claire Scerri

Lura fis-seklu ħmistax, ġo villaġġ żgħir qrib Nuremberg fil-Ġermanja, kienet tgħix familja bi tmintax-il tifel. Biex jitma' l-familja, missier it-tfal, li kellu l-professjoni ta' induratur, kien jaħdem tmintax-il siegħa kuljum u jagħmel ukoll kulma jsib għal idejh. Dan il-missier kien jismu Albrecht Dürer.

Għalkemm kienu jgħixu f'dan il-faqar, tnejn mit-tfal ta' Albrecht kellhom ħolma. It-tnejn li huma xtaqu jkabbru t-talent tagħhom fl-arti, imma kienu jafu li missierhom ma setax iħallas biex jibgħathom Nuremberg biex jistudjaw fl-Akkademja tal-Arti.

Wara ħafna diskussjonijiet, dawn iż-żewġt itfal laħqu kompromess. Jaqtgħu bejniethom u min jitlef kellu jmur jaħdem fil-minjieri tal-faħam u bil-flus li jaqla' kellu jħallas lil ħuh biex dan tal-aħħar ikun jista' jattendi l-Akkademja tal-Arti. Wara li dak li jirbaħ l-imħatra jlesti l-istudji tiegħu, kellu jaħdem biex iħallas l-istudji ta' ħuh, ħalli b'hekk anke ħuh ikun jista' jmur jistudja fl-Akkademja tal-Arti. Għamlu l-imħatra u Albrecht kien ir-rebbieħ. Huwa mar Nuremberg waqt li ħuh Albert mar jaħdem fil-minjieri. Albrecht għamel suċċess kbir fl-Akkademja u x-xogħol tiegħu kien tant tajjeb li kien aħjar minn tal-għalliema tiegħu.

Wara li ggradwa Albrecht mar lura d-dar u l-familja tiegħu organizzaw festin żgħir għalih. Wara li kielu u daħqu flimkien, Albrecht qam bilwieqfa u xtaq jirringrazzja lil ħuh Albert għas-snin kollha ta' sagrifiċċju li kien għamel għalih biex il-ħolma tiegħu sseħħ. L-aħħar kelmtejn tiegħu kienu, "U issa, Albert, ħija l-imbierek, issa jmiss lilek biex tmur Nuremberg ħalli l-ħolma tiegħek issir realtà wkoll. Jiena se nieħu ħsiebek." Kulħadd dawwar ħarstu lejn in-naħa l-oħra tal-mejda fejn kien hemm Albert, biex jaraw x'se jgħid. Dmugħ kien nieżel mill-wiċċ bajdani ta' Albert, waqt li kien qed ixengel rasu minn naħa għall-oħra u jgħid, " Le... le... le..." Huwa qam bilwieqfa u mesaħ id-dmugħ minn fuq ħaddejh. Ħares lejn l-uċuħ li kien tant iħobb u qal b'vuċi dgħajfa, "Le, ħija. Jiena ma nistax immur Nuremberg. Issa tard wisq għalija. Araw... araw idejja kif inhuma, wara erba' snin fil-minjieri. L-għadam kollu ta' subgħajja miksur tal-inqas darba, u dan l-aħħar kont qed insofri minn artrite f'idi l-leminija u lanqas nista' naqbad tazza f'idi biex nifraħ magħkom, aħseb u ara npenġi linji rqaq fuq parċmina jew kanvas bil-pinna jew bil-pinzell. Le, ħija, għalija issa tard wisq."

Għaddew aktar minn 450 sena. Illum ix-xogħlijiet ta' Albrecht Dürer jinsabu f'mużewijiet mad-dinja kollha. Imma fost dawn ix-xogħlijiet kollha hemm wieħed li baqa' jissemma l-iktar, u li forsi int familjari miegħu. Qiegħda nirreferi għall-pittura bl-isem ta' *Idejn*, jew kif baqgħet tissemma, *l-Idejn tat-Talb* Albrecht Dürer, biex juri l-apprezzament lil ħuh għas-sagrifiċċju li kien għamel, kien penġa jdejn ħuh magħqudin flimkien qishom qed jitolbu.

Jekk tiltaqa' ma' din il-pittura, ifliha sew. Agħmel li din tfakkrek li ħadd u ħadd ma jirnexxi waħdu f'ħajtu. Dejjem hemm xi ħadd li jkun bata b'xi mod jew ieħor.



IL-ĠUBLEW STRAORDINARJU TAL-ĦNIENA TA' ALLA

Fr Mario Attard OFMCap

IT-TIENI PARTI



# Il-Messaġġ tal-Ħniena ta' Alla **fil-Messaġġ ta' San Franġisk t'Assisi**

**Proprju nhar it-Tlieta 8 ta' Diċembru 2015, bħala Knisja Kattolika tajna bidu għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena ta' Alla. Kien il-Papa Franġisku li nhar il-11 ta' April 2015, Vġili tat-tieni Ħadd tal-Għid jew festa tal-Ħniena Divina, mar jagħtina l-Bolla ta' Indizzjoni *Misericordiae Vultus* biex iħabbrllna s-Sena tal-Ħnlena ta' Alla. Matul ix-xhur ta' din is-sena, bir-rivista *Dawl Franġiskan*, permezz ta' Ħuna Patri Mario Attard, Kapuċċin, qegħdin inwasslulkom artiklu f'kull ħarġa. Dawn l-artikli qegħdin jikkonċentraw fuq il-ħniena ta' Alla fl-ispiritwalità Franġiskana.**

*Il-Fjuretti ta' San Franġisk*, li hija ġabra ta' leġġendi bikrija dwar il-qaddis, tas-seklu 14, insibu fiha għadd ta' stejjer sbieħ dwar il-Ħniena Divina. Anki jekk parti minn dan il-materjal huwa leġġendarju, wieħed jista' jintraċċa parti minnu, sax-xhieda orali minn uħud mill-Aħwa tal-bidu ta' San Franġisk. Il-ġabra kollha tieħu n-nifs mill-ispirtu tat-tfulija tal-ewwel Aħwa. Jiġifieri l-Aħwa Mendikanti Fqar li għexu bħala 'boloh qaddisa' għall-imħabba ta' Ġesù Kristu.




Illum se nagħtu wieħed minn tliet eżempji sbieħ li jagħtuna *Il-Fjuretti* dwar il-Ħniena Divina. F'dan l-eżempju, bħal fit-tlieta l-oħra, it-tema ewlenija hija l-imħabba ħanina ta' Alla li hija murija fil-ħerqa tiegħu li jaħfer id-dnubiet. Dan l-eżempju, li hu meħud minn kapitlu IX (9) tal-*Fjuretti*, jismu *Dwar kif San Franġisk għallem lil Fra Leone x'għandu jwieġeb, u kif dan ma setax jgħid għajr il-kuntrarju ta' dak li riedu Franġisku.*

"Darba minnhom, fil-bidu nett tal-Ordni, San Franġisk u Fra Leone sabu ruħhom f'post fejn ma kellhomx kotba biex jgħidu l-Uffiċċju divin. Meta sar il-ħin biex jgħidu l-matutin, San Franġisk qal lil Fra Leone: 'Għażiż ħija, m'għandniex brevjar biex ngħidu l-matutin, imma ejja ngħaddu dan il-ħin infaħħru 'l Alla. Nibda billi ngħid xi ħaġa jien u int twieġibni kif sejjer ngħallmek, imma ara li ma tbiddilx il-kliem li ngħidlek. Jien ngħid hekk: 'O Fra Franġisk, int meta kont għadek fid-dinja għamilt tant ħażen u tant dnubiet li ħaqqek l-infern'; u int, Fra Leone, twieġeb: 'Tabilħaqq, int jistħoqqlok tkun fil-qiegħ nett tal-infern.'

"U Fra Leone, bis-sempliċità ta' ħamiema, wieġeb: 'Bil-qalb kollha, missier; ibda, f'isem Alla.' Imbagħad San Franġisk beda jgħid: 'O Fra Franġisk, int meta kont għadek fid-dinja għamilt tant ħażen u tant dnubiet li ħaqqek l-infern.' U Fra Leone wieġeb: 'Alla għad jagħmel ħafna ġid permezz tiegħek, hekk li żgur tmur il-ġenna.' Qallu San Franġisk: 'Tweġibx hekk, Fra Leone,



imma meta jien ngħid 'Fra Franġisk, int għamilt tant ħwejjeġ ħżiena kontra Alla li jistħoqqlok tkun misħut minn Alla', int tweġibni hekk: 'Tabilħaqq jistħoqqlok li tkun mixħut mal-misħutin.' U Fra Leone wieġeb: 'Bil-qalb kollha, missier'.

"Imbagħad San Franġisk, b'ħafna dmugħ u tnehid, beda jħabbat fuq sidru u jgħid b'leħen għoli: 'O Sinjur tiegħi tas-sema u tal-art, jien għamilt ħafna ħażen u dnubiet, u bir-raġun kollu ħaqqni nkun misħut minnek.' U Fra Leone wieġbu: 'O Fra Franġisku, Alla lilek se jqiegħdek mal-imberkin, u fosthom int tkun imbierek b'barka speċjali.' San Franġisk stagħġeb mhux ftit meta sema' 'l Fra Leone, kull darba, iwieġeb bil-maqlub ta' dak li kien ġiegħlu jgħid. Ċanfru u qallu: 'Għaliex m'intix tweġibni kif għallimtek? Nikkmandak b'ubbidjenza li tweġibni kif nordnalek jien. Jien ngħid: 'O Fra Franġisk, int raġel ħażin, u taħseb int li Alla se juri ħniena miegħek? Ladarba int għamilt ħafna dnubiet kontra Missier il-ħniena u Alla ta' kull faraġ, int m'intix denn li ssib il-ħniena.' Imma mbagħad, meta San Franġisk qal: 'O Fra Franġisku, int raġel ħażin', Fra Leone wieġeb hekk: 'Alla l-Missier, li l-ħniena tiegħu hija bla tarf u bil-wisq akbar mid-dnubiet tiegħek, juri lejk ħniena kbira, u mal-ħniena jżidlek ħafna grazzji.'

"Meta sema' din it-tweġiba, San Franġisk irrabja bil-ħlewwa u tħawwad b'sabar kbir, u qal lil Fra Leone: 'Għaliex azzardajt tmur kontra l-ubbidjenza, u għal ħafna drabi weġibt il-maqlub ta' dak li ġegħeltek jien?' U Fra Leone, b'umiltà kbira u bil-qima kollha, wieġeb: 'Missier tiegħi, Alla jaf li kull darba jien iddeċidejt f'qalbi li nwieġeb kif ikkmandajtni int. Imma Alla lili ġegħelni nwieġeb kif jogħġob lilu, u mhux kif jogħġob lili!'

"Meta sema' dan San Franġisk stagħġeb, hekk li lil Fra Leone qallu: 'Nitolbok bl-akbar għożża biex din id-darba tweġibni kif għedtlek.' Wieġeb Fra Leone: 'F'isem Alla għid, u din id-darba żgur li nwiegħdek, kif trid int.' U San Franġisk, bid-dmugħ iġelben ma' ħaddejh, qal: 'O Fra Franġisku, raġel ħażin, taħseb int li Alla se jkollu ħniena minnek?' Wieġeb Fra Leone: 'Anzi int għad tirċievi mingħand Alla grazzja kbira, u Hu jgħollik u jsebbħek għal dejjem, għax kull min jiċċekken jitgħolla. U jien ma nistax inlissen għajr dak il-kliem, għax hu Alla li qed jitkellem b'fommi.' U hekk għaddew is-sahra tal-lejl sa ma sebaħ il-jum, bl-umiltà kollha jiddiskutu bejniethom, b'biki kbir u b'ħafna faraġ spiritwali."

Mhux din hija l-Ħniena Divina ta' Alla ma' nies umli, jiġifieri li 'min jiċċekken, jitkabbar' (Lq. 14, 11)? Bħalma kien San Franġisk u int u jien kull darba li numiljaw ruħna bħalu?



SOĊJOLOĠIJA MORALI
Renè Micallef SJ

# Il-Periferiji tal-Papa Franġisku: DAĦLA

*F'din is-sensiela ser nirriflettu fuq persuni mġennbin mis-soċjetà tagħna. X'nistgħu nagħmlu biex, bħall-Papa Franġisku – imnebbaħ minn Franġisku t'Assisi u Injazju ta' Loyola – nersqu lejn il-periferiji fejn jgħammru, nidħlu ftit fid-dinja tagħhom u nterrqu żewġ passi magħhom? Kif nistgħu ndewwulhom il-ġrieħi tagħhom bħas-Samaritan it-Tajjeb? Kif nistgħu nwittu t-triq bejn Ġerusalemm u Ġeriko sabiex ħutna ma jaqgħux aktar fin-nassa tal-briganti?*

## Franġisku, Injazju u Bergoglio f'Ruma

Fl-1204 (*circa*), f'mument ċentrali fil-proċess tal-konverżjoni tiegħu, San Franġisk t'Assisi żar Ruma biex jagħmel pellegrinaġġ lejn il-bażilki l-kbar, fosthom dik ta' San Pietru (il-qadima). Qabel dan il-pellegrinaġġ Franġisku kien ħenn għal bosta tallaba, dewwa l-imġiddmin u tkellem ma' ħbiebu dwar in-'namrata' mistħija tiegħu, Povertà, li qatt ma kienet tixref wiċċha fost iż-żgħażagħ għonja t'Assisi. F'Ruma, però, Franġisku qasam l-irdum u sar tallab fost it-tallaba. Paradossalment, fil-post l-aktar ċentrali tal-Kristjaneżmu tal-Punent, fil-qalba tal-poter ekkleżjali, Franġisku skopra l-ġenb tas-soċjetà ta' żmienu u beda jara lilu nnifsu bħala mtarraf fost l-imtarrfin. Mimdud fuq l-għetiebi, fuq iz-znieter u fil-btieħi tal-bażilki l-qodma, biswit il-bibien mitbuqa ta' dawn il-knejjes, Messer Giovanni di Pietro di Bernardone għosfor, u tnissel floku l-Fqajjar t'Assisi, bin il-periferiji minsijin tal-Knisja u tad-dinja.

Min hu midħla ta' din il-ġrajja jifhem ħafna aktar lill-Papa li ħa isem Franġisku, Ġorġ Bergoglio, u l-kitbiet tiegħu, speċjalment *Evangelii gaudium* (EG) u *Laudato si'* (LS). U jifhem aħjar lil Sant'Injazju ta' Loyola, li fl-iskola spiritwali u umana tiegħu trabba l-Ġiżwita Bergoglio, u fiha ħarreġ lill-iskolastiċi tal-provinċja Arġentina. Bħal Messer Giovanni 'tal-Franċiża' (imlaqqam '*il francesco*' t'Assisi), Iñigo ta' Loyola u Ġorġ ta' Buenos Aires terrqu lejn Ruma biex jimirħu fil-qalb tal-Knisja. Żaru b'devozzjoni kbira l-postijiet 'uffiċjali', u hemm iltaqgħu ma' nies twajbin u ġenwini, iżda ma damux ma xammew ġewwa riħa ta' għeluq. Ma qatgħux qalbhom, ma tnaffrux, ma telqux lil hinn, iżda indunaw li mhux faċli li tagħraf

il-Ġemgħa ta' Ġesù ta' Nazaret fost ix-xinxilli tal-Qorti Papali. Ħarġu fit-toroq tal-Belt Eterna u hemm skoprew il-ġisem imsallab ta' Ġesù.

Kif għedna, fl-1204 Franġisku tħallat mat-tallaba ta' Ruma. Fix-xitwa kiefra tal-1538-39, Injazju u sħabu ġew mogħtija dar kbira f'Ruma, li fiha kennew mijiet ta' foqra u morda, u l-ewwel Ġiżwiti (li fittxew li jimitaw il-fqar ta' Franġisku f'kuntest soċjali ġdid) kienu jittallbu fil-pjazez biex jitimgħu kotra kbira ta' mġewħin. Injazju baqa' Ruma sa ma miet, u ddedika l-enerġija tiegħu jikkoordina lil sħabu, li bagħathom ixandru 'l Kristu fil-fruntieri tal-Knisja u tad-dinja kif magħrufa mill-Ewropej. Iżda qatt ma nesa l-periferiji umani ta' Ruma, l-iltiema, il-morda, ix-xebbiet vulnerabbli, il-prostituti, il-Lhud tal-*ghetto*, it-tfal foqra li xtaqu jitgħallmu jaqraw u jiktbu. Mhux biss kien jgħinhom u jippritkalhom il-Vanġelu, iżda waqqaf istituzzjonijiet u ħadem biex biddel liġijiet biex jiddefendu l-jeddijiet tagħhom.

Fir-raded li ferqu Franġisku u Injazju xeħet il-pass tiegħu l-Papa Franġisku. Dwar il-ħidma tal-Papa Franġisku fost il-fqar ta' Ruma u tad-dinja f'dawn l-aħħar sentejn, il-qarrej żgur li jaf daqsi jew aktar minni. Għalija u għal dawk bħali li jgħixu Ruma, fil-binjiet maestużi li kisbu matul is-sekli l-istituzzjonijiet umli li waqqfu Injazju u qaddisin bħalu, u li jqattgħu l-ġranet tagħhom mal-istudenti lebsin il-kullar jew l-abitu reliġjuż, l-istedina kostanti ta' dan il-Papa biex ngħixu ħajja sempliċi u biex noħorġu niltaqgħu man-nies li jinsabu fit-truf tal-Knisja u tas-soċjetà hi sfida li tniggiżna fil-laħam il-ħaj.

## Knisja b'dirgħajha miftuħa

Franġisku, Injazju u l-Papa Bergoglio ħolmu bi Knisja b'dirgħajha miftuħa, mhux biss lesta tiftaħ bibienha beraħ, iżda ħerqana li toħroġ minnha nnifisha biex tiltaqa' mal-foqra u l-imwarrbin, tindiehes magħhom u ssir ħaġa waħda magħhom: *"Irrid Knisja fqira mibnija għall-fqajrin, qrib il-fqajrin, li żżomm mal-fqajrin"* ("quiero una iglesia pobre *para* los pobres"/"... *per* i poveri" EG 198). Il-fqajrin huma l-ewwel klassi ta' nies fil-"periferiji eżistenzjali" li l-Papa jridna noħorġu niltaqgħu magħhom. Dawk li tbiegħdu mill-Knisja huma t-tieni klassi ta' nies:

*"Il-Knisja li 'toħroġ minnha nnifisha' hija komunità ta' dixxipli missjunarji li jieħdu l-ewwel pass, li jinvolvu ruħhom u jappoġġjaw lil ħaddieħor, li jagħtu l-frott u jiċċelebraw. Komunità evanġelizzatriċi tagħraf li l-Mulej ħa l-inizjattiva; huwa ħabbna l-ewwel (ara 1 Ġw. 4, 19), u għalhekk nistgħu nimxu 'l quddiem, nieħdu bil-ħila kollha l-inizjattiva, noħorġu niltaqgħu ma' ħaddieħor, infittxu lil dawk li tbiegħdu, nieqfu f'salib it-toroq u nilqgħu lill-imwarrbin. Tali komunità għandha xewqa bla tarf biex turi ħniena, frott l-esperjenza tagħha stess li daqet il-qawwa tal-ħniena infinita tal-Missier. Ejjew nippruvaw, ftit aktar bis-serjetà, li nieħdu l-ewwel pass u ninvolvu ruħna. Ġesù ħasel saqajn id-dixxipli tiegħu. Il-Mulej jinvolvi ruħu u jinvolvi lil dawk li huma tiegħu, hekk kif jinżel għarkopptejh jaħslilhom saqajhom." (EG 24).*

Ibqgħu miegħi fil-ħarġiet li jmiss ħalli noħorġu niltaqgħu man-nies 'tal-periferiji'.



Irrid Knisja **fqira** mibnija għall-**fqajrin**, **qrib il-fqajrin, li żżomm mal-fqajrin**



BIBBJA
Mons. Lawrenz Sciberras
IT-TIELET PARTI

# Il-Ħajja xejn sabiħa ta' SALAMUN



Fl-ewwel parti ta' dan l-artiklu wrejna dak kollu pożittiv li kellu s-Sultan Salamun. Dan għaliex huwa għaraf jgħaqqad l-għerf tiegħu mal-għajnuniet li tah Alla. Sakemm kien miexi fuq dawn il-linji tad-dawl u l-għaqal Salamun kien tassew ta' barka għalih stess, għall-familja tiegħu u xejn anqas għan-nazzjon kollu ta' Iżrael. Grazzi għall-għaqal li kellu Salamun kien irnexxielu jibni sistema ta' kif it-tribujiet kollha kull xahar iħallsu dak li kien dovut lit-tempju, f'kelma waħda l-għexur, u naturalment lil kull min ikollu x'jaqsam miegħu. Barra t-tempju kien hemm ukoll is-sultan flimkien ma' dawk kollha ta' madwaru. Kollox kien miexi skont il-pjan li ħalaq; hekk il-piż ma kienx ikun tqil ħafna, għaliex il-ħlas kien biss ta' darba f'sena. Tnax-il tribù, tnax-il xahar.

## Għerf jixtered barra mill-pajjiż

Dejjem blex Joħroġ għad-dawl l-għerf, flimkien issa mal-għana, ta' Salamun, l-Ewwel Ktieb tas-Slaten f'kapitlu għaxra jsemmi storja tas-sultana ta' Saba. Ngħidu kelma dwar dan il-post. Saba hija belt fejn illum hemm il-Jemen. Din hija msemmija ħafna fl-iskrizzjonijiet tal-Assirja bħala saltna importanti fi żmienha. L-ilsien ta' dak iż-żmien kien l-Akkadiku. Kien qed isir ħafna kummerċ bejn Saba u l-Mesopotamja, l-Arabja Meridjonali u l-Afrika ta' Fuq. Issa billi l-Palestina kienet ta' mkien fit-toroq tal-karovani li kienu ġejjin mis-Sirja-Mesopotamja u l-Arabja, allura Salamun faċilment irnexxielu jikkontrolla sew il-kummerċ kollu li kien jgħaddi minn hemm. Dan għalhekk kien iħalli profitti kbar fil-Palestina (A. Rolla, *Libri dei Re – Nuovissima versione della Bibbia*, 9; Roma, 114-115). Il-vers tlettax jagħmel aċċenn żgħir forsi għall-kummerċ u l-għana li kienu jsiru bejn iż-żewġ pajjiżi. "U s-Sultan Salamun ta lis-sultana ta' Saba kulma kienet tixtieq u talbitu, barra li taha minn rajh ta' sultan li kien. U hi qabdet it-triq u telqet, hi u l-qaddejja tagħha, lejn pajjiżha" (1 Slat. 10, 13).

Darba waħda s-sultana ta' Saba marret hija stess u rat il-għana li bih kien imdawwar Salamun. Fuq kollox hija semgħet minn fommu stess ċerta kapaċità fi kliemu u fil-pariri li kien kapaċi jagħti. Il-għan ta' din ir-reġina kien biex "iġġarrab b'mistoqsijiet iebsa lil Salamun stess. Hija stagħġbet mhux ftit meta semgħet kliem is-sultan. U waslet biex ikkonkludiet hekk: 'Tassew minnu dak li smajt f'arti fuqek u fuq għerfek. Ma ridtx nemmen dawn il-ħwejjeg qabel ma ġejt u rajt b'għajnejja. U ma kinux ħabbruli n-nofs! L-għerf u l-ġid tiegħek huma aktar milli smajt. Henjin in-nies tiegħek, henjin il-qaddejja tiegħek, li qegħdin miegħek u jisimgħu dejjem l-għerf tiegħek.'" (1 Slat. 10, 7-8).




Fil-vanġelu hemm żewġ riferenzi fejn tissemma din ir-reġina. Biss, minflok ir-reġina ta' Saba hemm "is-sultana tan-Nofsinhar". (Mt. 12, 42; Lq. 11, 31). F'dan il-kuntest imsemmija mhux biss is-sultana imma wkoll Salamun, anzi msemmi fil-kuntest tal-għerf. Immela qegħdin fl-ambitu ta' dak li jgħid l-Ewwel

Ktieb tas-Slaten, f'kapitlu għaxra. Biss, Ġesù bil-kuraġġ kollu jagħmel pass ieħor 'il quddiem, u jasal biex jgħid dak il-kliem daqshekk qawwi: "U araw, hawnhekk hawn min hu aqwa minn Salamun." Fi ftit kliem Ġesù qed jagħmel riferenza kemm għat-tagħlim tiegħu paragunat mal-għerf ta' Salamun, u xejn anqas għall-persuna nfisha ta' Ġesù ma' dik tas-sultan. Fil-persuna ta' Ġesù hemm żewġ naturi, dik ta' Alla u dik ta' bniedem. Dan it-tagħlim dwar Ġesù, li fil-persuna tiegħu hemm żewġ naturi, ħareġ bil-qawwa kollha fil-Konċilju ta' Kalċedonja fis-sena 451. U dawn iż-żewġ naturi fil-persuna ta' Ġesù baqgħu ma tħalltux flimkien, imma kull waħda żammet l-għażla sħiħa tagħha.

## Il-bini tat-tempju

Ma nistgħux nitkellmu dwar Salamun u nħallu barra l akbar biċċa xogħol materjali li għamel f'ħajtu, jiġifieri l-bini tat-tempju. L-idea kienet ta' missieru David, anzi dan David kien diġà xtara l-art biex fuqha jibni t-tempju mingħand Arawna l-Ġebużi (2 Sam. 24, 18). Ix-xogħol fuq it-tempju dam sejjer seba' snin. Salamun qabbad eluf ta' ħaddiema biex jaħdmu hemm. Barra l-ġebel kbir u abjad, u li ġie maqtugħ minn barrieri apposta (1 Slat. 7, 10), Salamun uża diplomazija kbira u rnexxielu jakkwista injam taċ-ċedru l-aktar fin. Dan wasal mil-Libanu. Anke Ħiram, sultan ta' Tir, bagħat injam flimkien man-naġġara.

Prinċipalment dan it-tempju kien imqassam fi tliet taqsimiet: il-bitħa ta' barra, fejn kien hemm l-artal mibni fil-għoli, *ulam*. Fuq dan l-artal ta' kuljum kienu jsiru numru kbir ta' sagrifiċċji lil Alla. Dejjem kien jiddependi mill-festa li tkun. Imbagħad kien hemm il-parti tan-nofs, in-nava. Din kienet imsaqqfa. Tissejjaħ il-'ħekal'. Hemm ġew kien hemm tliet oġġetti għeżież: (1) l-artal tal-inċens, (2) il-mejda bi tnax-il ħobża, imsejħin



'il-ħobż tal-preżenza', u (3) il-kandelabru b'seba' friegħi. It-tielet parti, u din kienet l-aktar qaddisa, tissejjaħ id-*debir*. Hemm kien hemm l-arka tal-patt. Hemm ġew kien jidħol darba fis-sena fil-festa tal-Espjazzjoni Yom Kippur il-Qassis il-Kbir, u bid-demm tal-annimali jroxx fuq l-għatu *hilasterion* tal-arka, u wara li joħroġ minn hemm ġew iroxx fuq in-nies. Bejn il-ħekal u d-*debir* kien hemm il-purtiera l-kbira, minsuġa minn erba' kuluri. Kienet din il-purtiera li mal-mewt ta' Kristu nqasmet fi tnejn minn fuq għal isfel.

Meta Salamun lesta dan it-tempju huwa għamel festi kbar, dejjem biex jikkonsagrah. Matul dawn il-festi huwa offra kwantità kbira ta' debħiet lil Alla. Salamun f'din l-okkażjoni għamel tassew talba mqanqla lil Alla, talba li parti minnha għadna nisimgħuha fil-konsagrazzjoni tal-knejjes tagħna. U Alla ried juri bid-dieher lil Salamun li huwa ħa ħafna u ħafna pjaċir b'dik il-binja u xejn anqas b'dik it-talba mqanqla li Salamun għamel. Is-sinjal u l-konferma kienet is-sħaba. "Xħin il-qassisin ħarġu mis-santwarju ta' barra, is-sħaba mliet it-tempju tal-Mulej, u minħabba fiha l-qassisin ma setgħux ikomplu s-servizz tagħhom, għax il-glorja tal-Mulej kienet imliet it-tempju tal-Mulej" (1 Slat. 8, 10).

Din il-marka tas-sħaba kavor baqgħet is-siġill divin tal-qdusija ta' dak il-post. U minn dakinhar 'il quddiem it-tempju ta' Ġerusalemm kien għadu u jibqa' l-aktar, l-ogħla u l-eqdes post fid-dinja kollha għal-Lhud. Dan kollu wasslu sa hawn is-Sultan Salamun.

**Dan it-tempju li bena Salamun safa mġarraf fis-sena 587 minn Nabukodnossor, meta ħa lil-Lhud fl-eżilju tal-Babilonja.**

## Żwiġijiet mal-barranin

Matul is-snin tiegħu bħala sultan, Salamun bena u saħħaħ ir-rabtiet tiegħu ma' diversi slaten barranin, u dan permezz ta' żwiġijiet. Għalhekk dak in-numru kbir ta' nisa, seba' mitt mara u tliet mitt konkubina, wieħed m'għandux iħares lejh bħala xi ħaġa ta' kemm kellu ġibdiet karnali qawwija lejn in-nisa, daqskemm biex huwa jassigura li ma jkollux gwerer fis-saltna tiegħu. Xi wħud minnhom kienu prinċipessi. Hu għalhekk kien jiżżewwiġhom, biex isaħħaħ il-ħbiberija li kellu ma' pajjiżhom. Kien jipprattika mija fil-mija l-proverbju: *make love not war*. Hawnhekk Salamun reġa' wera kemm kien jemmen fid-diplomazija ma' pajjiżi barranin.

**Hawn ta' min ikompli jgħid li dawn in-nisa ħafna minnhom ma kenux Lhud, mela mil-liġi tat-Torah ma kienu jafu xejn. Jum is-Sibt għal dawn in-nisa pagani ma kien ifisser xejn;** il-festi tal-Lhud, li kienu jgħixuhom u jfakkruhom fl-imgħoddi tal-antenati tagħhom *zikkaron*, għal dawn in-nisa kienu kollha duħħan. Li wieħed kull nhar ta' Sibt imur fis-sinagoga u jaqra mill-kotba spirati tal-Antik Testment għal dawn in-nisa kollox kien daħk u bla ebda tifsir ta' xejn. Pagani kienu, mela wkoll ta' ċertu periklu għal kull min kien jgħix magħhom.

Allura bilfors li Salamun, minkejja l-għerf kollu li bih kien imżejjen, dawn ħarġuh 'il barra mit-triq tiegħu, it-triq ta' missirijietu Abraham, Iżakk, Ġakobb, Mosè u l-istess missieru David. Dan tgħidu l-Iskrittura stess: "In-nisa li kellu dawrulu tassew qalbu għal wara allat oħra, hekk li qalbu issa ma baqgħetx kollha kemm hi mal-Mulej, Alla tiegħu, bħalma kienet qalb David missieru" (1 Slat. 11, 4). Dan huwa tassew kliem qawwi għaliex l-effett ta' dawn in-nisa pagani kien tassew ta' diżastru għas-Sultan Salamun u xejn anqas għal Iżrael.

Agħar u agħar, Salamun għalaq għajnejh issa waħda sew. Huwa ħalla li l-kult pagan kien qed jiġi pprattikat fil-beraħ. Dan il-kult ġabuh magħhom in-nisa li kellu. Mhux biss, imma Salamun wasal biex ħalla lil dawk in-nisa biex huma stess jibnu mqades ħalli jaħarqu debħiet lill-allat tagħhom. Forsi aktar 'l isfel minn daqshekk Salamun kemm dan isaltan ma setax jinżel.

## Stat ta' ħasra

Matul ħajtu Salamun daq u pprattika l-pjaċiri kollha li setgħet toffrilu d-dinja ta' żminijietu: għerf, tagħrif, inbejjed, nisa għonja, fama, mużika, għanjiet; kollox daq u pprova, imma sab li kien morr u frugħa.

Kif dan is-sultan spiċċa ħajtu ftit nafu dwaru, imma milli jidher, kuntrarju għal missieru David, li nidem (ara Salm 51), ma tantx jidher li dan għamlu Salamun. Imma l-ġudizzji għandhom jibqgħu f'idejn Alla biss.





**POEŻIJA**
**Filippu Chircop**

# Il-Qanpiena

Twelidt fil-funderija, ġewwa n-nar;
berkuni, tawni isem dakinhar;
għal ftit semmajthom leħni, ċapċpuli,
tellgħuni u dendluni fil-kampnar.

U... hawn bqajt ngħammar,
billejl u binhar,
fil-ksieħ, fis-sħana,
dejjem fil-kampnar.

Fir-riħ, fix-xita,
fil-bnazzi, fiċ-ċpar,
fir-ragħad, fil-beraq,
jien hawn, fil-kampnar!

Iva, jiena l-qanpiena;
kmieni kmieni nħoll ilsieni,
nikser il-ħemda,
nagħmel il-qalb.

Lin-nies inħajjar jgħidu xi talb.
Wara ftit tal-ħin insejjaħ lin-nies
ħa jkunu twajbin u jmorru l-quddies.

Matul il-jum, f'nofsinhar,
filgħodu, filgħaxija,
lin-nies jien nerġa' nħajjar
ifaħħru lil Marija.

U meta jkun qorob
il-ħin tal-mistrieħ,
lin-nies inħajjarhom
jiftakru fl-erwieħ.

Imbagħad kollox jiskot
sa jerġa' ż-żerniq,
tistenbaħ il-ħajja,
l istorbju fit triq.

Bi lsieni nnikket, bi lsieni nferraħ,
bi lsieni nwassal, jien, kull aħbar.
Nitlobkom skuża, dan huwa dmiri,
anke jekk dina tkun kollha mrar!

Int lilek togħġbok
ħajja bħal din?
Hekk kienet ħajti
tul bosta snin!
Tgħid din xortija
jew id-destin?'




# INKUNU XHIEDA FIDILI
## għas-sejħa b'ħajja ta' talb

Issa li s-Sena dedikata għall-Ħajja Konsagrata qed toqrob lejn tmiemha, illum nixtieqn naħsbu ftit fuq xi kelmiet mit-tliet diskorsi li bihom il-Papa Franġisku indirizza lill-persuni bħalna u lis-saċerdoti u s-seminaristi fl-aħħar vjaġġ appostoliku tiegħu fil-Kenja, l-Uganda u fir-Repubblika Ċentru-Afrikana.

Ġesù ħares lejna meta ried isejħilna biex inkunu xhieda tiegħu anke f'dinja ostili mimlija diffikultajiet, gwerer, mibegħda, ambizzjonijiet. L-ispirtu tad-dinja f'kull waqt iħajjarna u jipprova jfixkilna f'mixjitna warajh. Imma ħarstu ta' mħabba lejna, illum ukoll, u f'dawn iċ-ċirkustanzi, hi x'inhi l-qagħda tagħna, tixprunana biex nibqgħu sħaħ. Mhux biss! Imma biex b'kull mezz inwasslu l-messaġġ tiegħu ta' mħabba, ta' qadi, u qadi bl-umiltà, kull fejn aħna. Inwasslu *lilu* stess. L-ewwel fostna u bejnietna u mbagħad madwarna kullimkien... bi mħabba li tfawwar kull fejn inkunu.

Hekk inkunu *xhieda* ħajjin tiegħu; ħajjitna kkonsagrata titkellem b'mod ċar u twassal il-messaġġ li Huwa ġabilna mingħand il-Missier. "F'ħajjitna bħala dixxipli ta' Ġesù m'għandux ikun hemm post għall-ambizzjoni personali... Aħna nimxu wara Ġesù sal-aħħar mument ta' ħajtu fuq is-salib... Qed intennilkom dan bis-serjetà kollha: il-Knisja mhix xi azjenda tan-negozju jew organizzazzjoni mhux governattiva; hija misteru, il-misteru ta' Ġesù li jħares lejna u jtennilna, *'Imxu warajja.'*"

Fil-ftit kelmiet li tenna l-Papa meta kien l-Uganda, quddiemu x-xhieda qawwija tal-martri ta' dak il-pajjiż, huwa warrab il-karti bħalma issa mdorrijin narawh jagħmel, u tkellem minn qalbu:

"Kunu xhieda ta' Kristu kif kienu xhieda l-Martri tal-Uganda... Kunu xhieda fidili... Saħħu din ix-xhieda tagħkom b'ħajja ta' talb."

"U biex nagħmlu dan x'nista' ngħidilkom iżjed, minn qalbi għal qalbkom? Qatt taħarbu minn Ġesù. Fi kliem ieħor tieqfu qatt titolbu... Meta persuna konsagrata tieqaf titlob, ir-ruħ tinxef, issir kerha u tinxef bħal tin imqadded... Jiddispjaċini ngħidu dan, imma hekk hu."

"Inħallikom b'din il-mistoqsija: nieħu jien ħin mill-irqad, jew miż-żmien li nisma' r-radju, jew nara t-televiżjoni jew naqra l-gazzetti, biex jiena nitlob? Jew inkella jien nagħżel dawk l-affarijiet? It-talb ifisser li nkun fil-preżenza ta' Alla, li beda ħidma tajba u qiegħed iġibha fi tmiemha f'kull wieħed u waħda minnkom."

U fl-aħħar il-Papa Franġisku jħeġġiġna bi kliem San Pawl li dakinhar inqara fil-quddiesa tal-Ewwel Ħadd tal-Avvent: *"Ħuti, jalla l-Mulej ikattrilkom u jfawwarkom bl-imħabba għal xulxin u lejn kulħadd."* (1 Tess. 3, 12).

Għadna kemm bdejna sena ġdida; nippruvaw ilkoll infasslu aktar ħajjitna fuq dan il-programm.



RELIĠJON U KULTURA

Joseph Camilleri



# L-Istrina

L-ewwel jum tas-sena hu magħruf bħala 'l-Istrina'. Il-kelma ġejja mil-Latin, tant li waħda mill-allat Rumani kien jisimha Strenia. Darba r-Re Tazio kien ħoloq ċerimonja li fiha n-nies taw lil xulxin fergħat maqtugħin mill-foresta ta' Strenia. Maż-żmien din l-offerta bdiet issir lil Janus, alla tal-ewwel xahar tas-sena. Ta' min isemmi li l-kelma 'Jannar' ġejja minn 'Janus'. Xi studjużi oħra huma tal-fehma li din il-kelma ġejja mit-Taljan 'strenna', kelma li tirreferi għall-għoti tar-rigali fl-ewwel tas-sena.

Jekk il-Milied huwa l-festa tal-familja, l-Istrina kienet il-festa tat-tfal. L-Istrina tiġi fi żmien ideali tas-sena. Il-bnedmin iħossuhom imqanqla mill-ferħ u l-ġenerożità bit-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Qalb il-bnedmin tkun mimlija b'tama qawwija għas-sena l-ġdida. Għalhekk f'jum l-Istrina kulħadd iħoss ġibda lejn il proxxmu, l-aktar lejn it-tfal, li kienu jistennew xi rigal f'dan il-jum. Il-Knisja ddedikat dan il-jum lil Marija Omm Alla. Bit-twelid ta' Ġesù seħħet il-paċi tant mixtieqa bejn is-sema u l-art. Id-Dutturi tal-Knisja kienu jfaħħru lill-Madonna talli permezz tagħha seħħet il-paċi bejn Alla u l-bniedem. Barra din il-festa l-Knisja tfakkar ukoll il-ġurnata tal-paċi. Il-paċi trid tibda minn kull wieħed minna. In-Nisrani huwa mfakkar biex jittollera lil dawk li ma jaqblux miegħu u fl-istess ħin jaħfer lil dawk li jagħmlulu xi deni. Ta' min isemmi wkoll li l-Knisja kienet tiċċelebra festa speċjali fl-ewwel jum tas-sena. Din kienet il-festa taċ-ċirkonċiżjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

F'dan il-jum kien hemm drawwa li fil-knejjes kienu jilbsu l-figura tal-Bambin bi lbies tal-ħarir li fit-truf tiegħu jkun hemm belfiera deheb. F'xi knejjes kellhom id-drawwa li l-figura tal-Bambin tinġabar minn artal sekondarju għal wieħed aktar ewlieni. Eżempju ta' dan huwa l-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi. Għall-ewwel tas-sena l-figura tal-Bambin kienet tinġarr għal fuq l-artal tal-Kunċizzjoni, fejn hemm jibqa' sal-festa tal-Epifanija (fis-6 ta' Jannar).

## Il-qarinża

Din hija kelma qadima li m'għadhiex tintuża aktar fost il poplu Malti. Hemm il possibiltà li din il-kelma ġejja mill-Għarbi, u li maż-żmien bidlet it-tifsira tagħha. Kienet tfisser grupp ta' rġiel li kienu joħorġu fl-aħħar jum tas-sena fit-toroq tal-belt jew raħal biex idoqqu quddiem il-bibien ta' xi nies għonja biex jaqilgħu xi ħaġa tal-flus. Dawn in-nies kienu dawk li m'għandhomx x'jagħmlu iżda kienu jkunu minn tagħhna. Kienu joħorġu mar-raħal idoqqu l-istrumenti tad-daqq li kien ikollhom – il-flawt, iż-żaqq u t-tanbur. Xi drabi dan il-grupp ta' nies kien ikollhom żewġ pupi kbar. Waħda kienet tkun figura ta' mara u

oħra figura ta' raġel. Il-figura femminili kienet tippreżenta s-sena li tkun ser tispiċċa waqt li l-figura l-oħra kienet tippreżenta s-sena l-ġdida, is-sena li tkun ser tibda.

Dawn kienu jinġabru għand wieħed ħabib tal-grupp, fejn wieħed minnhom jilgħabha ta' mejjet. Dan il-mejjet ma jkun xejn ħlief is-simbolu tas-sena li jkun baqgħalha biss ftit sigħat. Dan jixteħet minn tulu fl-art qisu katavru. Wara l-grupp kien jibda jdoqq u jgħanni. Wieħed minnhom jintgħażel bħala l-perċimes jew il-mexxej tal-qarinża. Għall-grupp kien jissejjaħ 'is-sultan'. Dan jibda jerfa' d-driegħ ta' dak li taparsi jkun mejjet. Jagħmel mossa bid-driegħ bħallikieku qalgħu u jagħtih lil ħaddieħor. Id-daħk jibda fost il-grupp kif ukoll fost in-nies tad-dar. Wara l-mexxej jaqbad is-sieq ta' dak li taparsi mejjet u jagħmel l-istess. L-istorja tibqa' sejra fuq partijiet oħra tal-ġisem ta' dak li taparsi kien miet. Waqt li jkun għaddej dan iż-żuffjett kollu, sid id-dar iqassam ikel u xorb lil dawk preżenti. Dan it-teatrin kollu kien kollu simboliżmu. Is-sultan jew il-mexxej tal-grupp kien joffri l-partijiet tal-ġisem ta' wieħed minn sħabu biex qisu qed joffri lil tal-familja l-aħjar affarijiet għas-sena l-ġdida.

Dan l-istess grupp kien iħalli d-dar u jibda jdur it-toroq tar-raħal. Waqt li jkunu għaddejjin mit-toroq kienu jdoqqu u jgħannu. Kienu jieqfu quddiem xi bieb ta' xi persuni li jistgħu ħalli jixtiqulhom is-sena t-tajba. Hemm kienu jqabblu u permezz tal-għana kienu jgħollu sas-smewwiet l-għemil it-tajjeb u t-tjubija, sew ta' dik il-persuna kif ukoll tal-familjari tiegħu. Kienu wkoll iċappsulu l-għatba tal-bieb bil-ġir. Billi t-trab tal-ġir kien abjad u safi, kien meqjus mill-Maltin bħala s-simbolu ta' bidu tajjeb u hieni. Kien xi ħaġa ideali biex jintuża fl-ewwel jum tas-sena, meta l-bniedem jittama li jkollu sena aħjar minn dik li ħalla. Fl-aħħar sid id-dar kien jagħtihom xi ħaġa tal-flus. Jekk sid id-dar ma joħroġx biex jagħtihom xi flus, dawn kienu jaqilbu l-għana tagħhom u flok tifħir jibdew jikxfulu għawaru. Fl-aħħar nett kienu jċappsulu l-għatba tal-bieb bil-faħam.

Meta tal-qarinża kienu jieqfu quddiem il-bibien, kull grupp kellu t-taqbila tiegħu. Waħda minn dawn it-taqbiliet (li kienet tintuża f'Għawdex) tgħid:

**Ġejna tal-qarinża wara biebek.**
**Agħtina minn dak li għandek!**

**Is-sena t-tajba, u l-għatba mbajda!**
**Bajjadhielek is-Sultan,**
**tuh xi ħaġa karità**
**biex jitma' 'l dawk it-tfal.**

Taqbila oħra kienet tgħid:

**Tih xi ħaġa karità jew tiġieġa jew dundjan;**
**l-għatba mbajda bajjadhielek is-Sultan.**

Dan is-sultan ma kien ħadd ħlief il-laqam ta' dak ir-raġel li kellu d-drawwa li f'jum l-ewwel tas-sena joħroġ barra jdur bieb bieb u jroxx il-ġir. Skont xi kittieba, din id-drawwa sabet it-tmiem tagħha 'l fuq minn mitt sena ilu, meta wieħed li kien qed jagħmilha tal-mejjet miet tassew. In-nies stkerrhet dan it-tip ta' divertiment. Xi kittieba oħra huma tal-fehma li din id-drawwa kienet spiċċat fl-aħħar snin tal-Ordni ta' San Ġwann. Dejjem skont dawn l-istess kittieba, din id-drawwa sabet it-tmiem tagħha minħabba l-istorbju tal-lejl. Biex ngħidu kollox, mhux kulħadd kien jieħu gost bihom. Xi wħud minn dawn riedu jagħlqu għajn u bl-istorbju ma setgħux jagħmlu dan. In-nies stkerrhet dan it-tip ta' divertiment. Għalkemm id-drawwa tal-qarinża spiċċat, xi drawwiet li tnisslu minnha baqgħu ħajjin għal xi żmien.

**Referenza:**
Lanfranco G., *Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin*, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2001





KNISJA: ĦAJJA, ĦIDMA U AĦBARIJIET

P. Silvestru Bonavia OFMCap

***Lejn il-ġimgħa ta' talb għall-għaqda fost l-Insara***

# P. Cantalamessa fil-ftuħ tas-Sinodu Anglikan

L-istorja tikteb il-paġni tal-ktieb tagħha waħda waħda, xi drabi bla ma aħna stess nittendu. Jekk ikollna mqar ftit fidi "daqs żerriegħa tas-senapa" naraw l-id setgħana u providenzjali t'Alla tikteb dan. Aħna li qed ngħixu din l-epoka fl-istorja, bis-saħħa tat-tagħrif diġitali immedjat, qed naraw dan iseħħ quddiemna fil-ħajja tal-Knisja wkoll. Ġrajjietha huma nisġa sabiħa f'idejn Alla, il-bennej tagħha li fiha Ġesù nnifsu huwa "l-blata tax-xewka".

Jeħtieġ li aħna wkoll, illum, ikollna din il-fidi, għax hu l-Mulej li qed jinseġ il-ġrajjiet u jwassal kollox għall-iskop divin tiegħu, għax "għalih elf sena huma bħal jum wieħed".

Elfejn sena ilu, waqt li Ġesù kien mal-appostli tiegħu fl-aħħar ikla, huwa tana b'mod solenni l-kmandament tal-imħabba ta' bejnietna, u talab lill-Missier, "Ħa jkunu lkoll ħaġa waħda... bħalma aħna ħaġa waħda" (Ġw. 17). Pass ieħor, ukoll jekk żgħir, imma importanti, seħħ ftit ilu biex titwettaq din it-talba ta' Ġesù.

Fl-24 ta' Novembru li għadda, P. Ranjeru Cantalamessa, il-Franġiskan Kapuċċin li huwa l-predikatur tal-Papa, għamel l-omelija waqt is-servizz ewkaristiku fil-ftuħ tal-Għaxar Sinodu Ġenerali tal-Knisja Anglikana. Dan seħħ f'Westminster Abbey, ġo Londra. Ma nafx hix l-ewwel darba li ħaġa bħal din seħħet waqt ċelebrazzjoni bħal din ġewwa Westminster Abbey.

## Ibnu Knisja waħda

L-omelija tiegħu kienet mibnija fuq l-ewwel qari taċ-ċelebrazzjoni, li kien meħud mill-profeta Ħaggaj (1, 1-8), meta l-Lhud li kienu fl-eżilju kienu qed jerġgħu lura lejn Ġerusalemm biex jibnu t-tempju mill-ġdid. Imma kulħadd qata' qalbu u kull wieħed inxteħet jibni daru. Dan il-kliem tal-profeta, tenna P. Ranjeru, jixħet dawl ġdid fuq il-qagħda llum.

"Aħna lkoll medhijin il-ħin kollu fil-problemi u l-interessi tal-parroċċa tagħna, tad-djoċesi, tal-komunità – u wkoll tad-denominazzjoni Nisranija tagħna; għalhekk nitilfu t-triq biex nibnu d-dar waħdanija ta' Alla, li hija l-Knisja.

"Waqt li d-dinja Nisranija qed tħejji ruħha biex tiċċelebra l-5 ċentinarju tar-Riforma Protestanta, hija ħaġa vitali għall-Knisja kollha li ma nitilfux din l-opportunità minħabba dawk li jridu jibqgħu priġunieri tal-imgħoddi, u jippruvaw jisħqu fuq it-tajjeb u l-ħażin ta' dak u tal-ieħor. Ejjew nagħmlu pass ta' kwalità 'l quddiem... Il-qagħda llum inbidlet b'mod drammatiku minn dakinhar... Jeħtieġ nibdew mill-ġdid mill-persuna ta' Ġesù, filwaqt li

bl-umiltà kollha nippruvaw ngħinu lin-nies ta' żmienna jagħmlu esperjenza ta' laqgħa personali miegħu... Jeħtiġilna mmorru lura lejn żmien l-appostli. Huma wkoll ħabbtu wiċċhom ma' dinja li ma kenitx Nisranija; aħna qegħdin niffaċċjaw fil-wisa' dinja post-Kristjana.

"Dan ma jfissirx li nwarrbu l-għana kbir teoloġiku u spiritwali li ġie mir-Riforma, jew li nixtiequ mmorru lura għaż-żminijiet ta' qabilha. Ifisser li d-dinja Nisranija kollha tislet il-ġid minn dak li twettaq sakemm jitwarrab ċertu tagħwiġ li seħħ b'effett tal-atmosfera sħuna taż-żmien u l-kontroversji ta' wara."

Hawn il-predikatur appostoliku semma bħala eżempju l-magħrufa diskussjoni fuq *il-ġustifikazzjoni bil-fidi*. "Dan mhux b'oppożizzjoni għall opri tajba. Dik illum hija ċċarata. Imma aktar b'oppożizzjoni għall-għajta tal-poplu tal-lum li l-bniedem jista' jsalva lilu nnifsu bis-saħħa tax-xjenza, tat-teknoloġija jew tal-ispiritwalità li huwa nnifsu ħalaq, mingħajr il-ħtieġa ta' redentur li jiġi barra mill-umanità. Qed nifhem għall-ġustifikazzjoni li tiġi minnek innifsek! Jiena konvint li kieku Martinu Luteru u Thomas Cranmer kienu ħajjin illum, dan ikun il-mod kif huma kienu jxandru l-ġustifikazzjoni permezz tal-fidi!"

Imbagħad P. Ranjeru semma l-kontribut kbir li għandhom il-Knejjes il-kbar għall-għaqda. Fakkar kliem il-Papa Franġisku dwar il-ħtieġa li lkoll inqiegħdu flimkien dak li jgħaqqadna bla ma nimponu l-uniformità, imma "nirrikonċiljaw id-diversitajiet tagħna." Fil-għajnejn ta' ħafna, ħutna Nsara qed jinqatlu "għax huma Nsara. F'għajnejhom aħna ġa ħaġa waħda! Ejjew inkunu wkoll ħaġa waħda għal xulxin u quddiem Alla."



## Messaġġ speċjali milqugħ tajjeb ħafna

"Il-Knisja Anglikana dejjem għarfet lilha nfisha bħala *t-triq tan-nofs* bejn il-Kattoliċiżmu Ruman u l-Kristjaneżmu Riformat. Minn triq tan-nofs f'sens statiku jeħtieġ li llum issir dejjem aktar triq tan-nofs f'sens dinamiku, u twettaq ħidma attiva bħala pont bejn il-Knejjes. **Il-preżenza fostkom ta' saċerdot tal-Knisja Kattolika, f'ċirkustanzi b'tifsira speċjali bħal din, hija sinjal li xi ħaġa hekk ġa qed isseħħ."**

Il-predikatur kompla l-ħsieb tiegħu fuq kliem il-profeta Ħaggaj, u temm hekk:

"Jiena nemmen li l-Mulej riedni hawn fostkom illum, biex fuq kollox ngħidilkom li Huwa qed iwasslilkom dan l-istess messaġġ fil-ftuħ tas-sinodu tagħkom u wkoll minħabba l-laqgħa ppjanata għal Jannar li ġej bejn il-mexxejja kollha tal-komunjoni Anglikana kollha kemm hi. Ngħidilkom: kuraġġ, Maestà, ir-Reġina ta' dan in-nazzjon; kuraġġ, Justin, Arċisqof ta' Canterbury; kuraġġ, Sentamu, Arċisqof ta' York; kuraġġ lilkom, isqfijiet, kleru u lajċi tal-Knisja tal-Ingilterra! 'Morru għall-ħidma għaliex jiena magħkom,' jgħid il-Mulej!"

**Il-messaġġ ta' P. Cantalamessa kien milqugħ ħafna tajjeb mill-mexxejja tal-Knisja Anglikana, qal l-għada r-Radju Vatikan. Ir-Reġina wkoll, meta ftit wara fetħet is-Sinodu, stqarret: "Il-preżenza fostna llum tal-predikatur tal-Papa ma kinitx tkun possibbli li kieku mill-1970 'l hawn ma seħħewx passi 'l quddiem ta' koperazzjoni fost it-tradizzjonijiet kollha Nsara." Ir-Reġina mbagħad kompliet, bi kliem San Pawl, li lkoll għandna "nkunu ambaxxaturi ta' Kristu u ministri ta' rikonċiljazzjoni."**

U aħna wkoll, quddiem din il-panorama madwarna u din is-sejħa f'isem Alla tal-profeta Ħaggaj, nagħtu sehemna kemm nistgħu biex din l-għaqda tkompli tikber. U lkoll nieħdu sehem xieraq fil-laqgħat ta' talb li jsiru bejn it-18 u l-25 ta' dan ix-xahar. Mhux biss, imma nitolbu wkoll kemm nistgħu biex it-talba ta' Ġesù sseħħ, anke fostna, sabiex *ilkoll inkunu ħaġa waħda*.



SEHEM IL-LAJĊI FIL-KNISJA

**Jude Muscat**

# Mur irrestawra l-knisja tiegħi

Xi snin ilu qrajt dan il-fatt f'gazzetta Ingliża. Raġel mar għand anzjana biex jagħmlilha intervista. F'waqt minnhom daħal il-kelb tal-anzjana u mar f'rokna biex jixrob. Għajnejn ir-raġel daru fuq din ix-xena u peress li kien espert tal-antikitajiet, intebaħ mill-ewwel li r-reċipjent tal-ilma kien antik u mad-daqqa t'għajn deher li kien jiswa mhux ħażin. Ta' makakk li kien webbilha biex iġġib reċipjent aktar addattat u li ma jinkisirx. B'ħafna reċti ta' umiltà u ħniena qalilha li jixtrilha wieħed hu, biex ma toqgħodx tinqala' jew titħabat. Ratu anġlu! Wara jumejn mar b'sett ta' reċipjenti apposta għall-ikel u x-xorb tal-klieb. Kemm ferħet l-anzjana! Minnufih bidlet ir-reċipjenti u warrbet l-antiki biex tarmihom. Ir-raġel, b'għajnejh jixegħlu, taha parir biex ma tarmix oġġetti ta' periklu mal-iskart tad-dar. Għamilha ta' kavallier u ħadhom miegħu. Wieħed kien reċipjent li ma jiswa xejn, imma biex jidher ta' Samaritan ħadhom it-tnejn. Insejt kemm kien jiswa l-oġġett prezzjuż, imma żgur li ħafna eluf ta' liri sterlini. Dak li taparsi kien qiegħed jagħmlilha pjaċir kien, fil-fatt, qiegħed jisraqha.

## Misruqin mit-teżor

Storja bħal din tfakkarni fil-parabbola taż-żerriegħa (ara Lq. 8, 4-15), speċjalment dawk li waqgħu mal-mogħdija. Dwar dawn Ġesù jfiehem li wara li l-persuni jisimgħu, jiġi x-xitan u jaħtfilhom il-kelma minn qalbhom. Nimmedita ftit u malajr ninduna bir-realtà li ħafna Kattoliċi jgħixu, speċjalment fejn tidħol il-preżenza u r-relazzjoni mal-Ispirtu Qaddis.

Jiena nemmen u nifhem li kull Kattoliku jaf li huwa mgħammed u li rċieva d-don tal-Ispirtu Qaddis. Imma dan l-għarfien kif qiegħed jissarraf? Jidhirli li din hija verità mogħtija lilna imma qed inħalluha taqa' fil-mogħdija. Ix-xitan qiegħed jisirqilna s-sustanza ta' din il-verità u jibqgħalna biss il-verità dottrinali li ma tħalli ebda frott. Kull Nisrani huwa mgħammed b'qawwa li tibdel mhux biss il-persuni f'tempju u fi wlied il-Missier tas-sema, imma tibdel ukoll l-ambjent fejn dawn jgħixu. Dan huwa r-rigal li ġie mogħti lilna. Ġejna mgħammda fl-Ispirtu b'sagrifiċċju enormi, b'ubbidjenza sal-mewt tas-salib u bil-kustat miftuħ ta' Kristu salvatur u feddej. Ġejna mgħammda fl Ispirtu biex ix

xewqa ta' Ġesù sseħħ, ilbieraħ, illum, għada u sal-aħħar taż-żminijiet: "Nar ġejt inqiegħed fuq l-art, u kemm nixtieq li diġà qabad!" (Lq. 12, 49).

Misruqin mill-verità sħiħa nispiċċaw bħal dik l-anzjana li kellha teżor jiswa eluf ta' sterlini u kienet tpoġġih fl-art għall-kelb. Ix-xitan jintebaħ b'dan, u b'qerq, gideb u b'ħafna teatrini u tidwir tal-kelma jisirqilna t-teżor u jħallina b'reċipjenti tal-plastik! Imbagħad isaltnu fina l-biża', il-konfużjoni, il-qtigħ ta' qalb, l-indifferenza u l-apatija, u tiċċajpar il-verità dwar l-identità u d-dinjità vera tal-bniedem bħala iben/bint il-Missier. Minflok jikbru fina devozzjonijiet fiergħa, nieqsa minn kull għerf, fehma, għaqal, qawwa u pjetà. Insibu l-kenn billi naħarbu mir-realtà tad-dinja ta' madwarna u nitfgħu l-ħtija fuq dak, dik u l-oħra. Insibu l-konsolazzjoni f'xulxin (kif għandu jkun) imma vojta minn kull viżjoni ta' qawwa li xxaqqaq il-blat u taqla' l-muntanji.

## It-tifsira vera

Il-Papa Emeritu Benedittu XVI kellu dan xi jgħid liż-żgħażagħ miġbura waqt il-Ġurnata Dinjija taż-Żgħażagħ li saret fl-Awstralja fl-2007:



"Għal dawk li jirċievu dan id-don [tal-Ispirtu Qaddis], xejn ma jibqa' l-istess. Li tkun mgħammed fl-Ispirtu tfisser li issa ħajtek saret ħuġġieġa nar mixgħula u mqanqla mill-imħabba ta' Alla. Li tingħata tixrob mill-Ispirtu tfisser li tkun irċevejt ħajja ġdida mogħnija bil-ġmiel tal-pjan ta' Alla, għalina u għad-dinja... Li tkun issiġillat bl-Ispirtu jfisser li ma tibżax tkun xhieda ta' Kristu, li tħalli l-verità tal-Vanġelu titfawwar ġewwa fik biex tibdel il-mod kif tifhem, taħseb u taġixxi, waqt li tkun strument biex issaltan



fostna l-kultura ta' mħabba. Barra minn hekk tibdew tindunaw illi kull darba li jonqsukom is-saħħa u l-qawwa, issibu forza ġdida

### fl-Ispirtu Qaddis li jibdilkom u jsaħħaħkom u jfawwar ħajjitkom b'ħeġġa ġdida li xxandru 'l Kristu rxoxt."

Onestament ngħid li kliem bħal dan iqajjimli ġismi xewk xewk u fl-istess ħin idaħħalni f'qoxorti. Nibda nifhem mill-ewwel kemm ma fhimt xejn dwar il-ħidma tal-Ispirtu Qaddis fil-ħajja tiegħi u tal-oħrajn. Imma hemm bżonn ma nkomplix ningħalaq f'qoxorti, hemm bżonn ma nħallix kliem bħal dan itir mar-riħ u jisfuma fix-xejn sakemm nerġa' naqra xi artiklu ieħor u forsi jimlieni bi ftit entużjażmu, imma mbagħad nerġa' għal li kont. Hemm bżonn inkisser dan iċ-ċirku vizzjuż u nieqaf kontra l-ħidma tax-xitan li qiegħed kontinwament jisraqli s-sustanza u l-fjamma li tħeġġiġni u timmotivani. Ix-xitan huwa komdu li jien immur il-quddies kuljum, ngħid it-talb tiegħi u ngħix tajjeb, fis-skiet u s-satra ta' dari jew tal-komunità. Jinqalagħlu l-inkwiet jekk jien nitħeġġeġ u nibda nieħu deċiżjonijiet imqanqla u ispirati mill-Ispirtu Qaddis. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom il-qawwa li jibdlu l-ambjent ta' madwari u b'hekk inkun parteċipi ma' Kristu fil-bini tas-saltna tal-imħabba fostna. Hemmhekk ix-xitan jiftaħ battalja kontrija u jagħmel ħiltu biex jisraqli t-teżor u jerġa' jitfagħni ngħix fil-kwiet mingħajr sfidi u fis-satra tal-erba' ħitan li jwennsuni. Din il-battalja tieħu forom differenti imma dejjem sottili.

Noqogħdu attenti, ma nħalluhx jirbaħ. Ejjew niftħu għajnejna u kull darba li naraw lilna nfusna nieħdu xi deċiżjonijiet imqanqla minn weġgħat, nuqqas ta' ftehim jew firda, nieqfu lix-xitan. Ma nħallux il-fjamma li tiftħilna l-orizzonti tal-ġmiel tal-pjan ta' Alla tinsterqilna bil-qerq.

Fl-artiklu li jmiss nagħti xi ftit suġġerimenti prattiċi, imma sa dakinhar inħeġġek taqra l-Atti tal-Appostli.



MILL-ISKOLA TA' PATRI PIJU TAL-PJAGI
Fr Joe Buttigieg OFMCap
L-EWWEL PARTI



# Il-kunventi Kapuċċini mbierka bil-preżenza ta' San Patri Piju:

# San Giovanni Rotondo

Din is-sena qiegħed jiġi mfakkar l-ewwel ċentinarju mill-wasla ta' Patri Piju ta' Pietrelcina fil-kunvent Kapuċċin ta' San Giovanni Rotondo, fuq il-muntanji tal-Gargano.

Huwa wasal hawn fit-28 ta' Lulju 1916. Mal-wasla tiegħu dan il-kunvent ma baqax li kien. Minn wieħed ma jaf bih ħadd sar post magħruf minn kulħadd fid-dinja kollha.

Iddur fejn iddur fih, kollox jitkellem dwaru. Imbagħad fih hemm imkejjen li jitkellmu b'mod iktar qawwi minn imkejjen oħra. Ibda mill-bieb ta' barra tal-istess kunvent, it-tieqa ta' fuqu, kurituri, ċelel, l-aktar dawk bin-numru 1 u 5, u r-refettorju.

Kollox jirrakkonta stejjer ordinarji u straordinarji. Illum dawn l-imkejjen ġew miftuħa għan-nies, u mgħammra bl-iktar ħwejjeġ għeżież tal-qaddis Kapuċċin. Għal min ikun qara jew sema' xi ħaġa dwaru, dawn l-imkejjen ikellmuh b'mod qawwi, u jagħtu l-ħajja lit-tagħrif li wieħed seta' kiseb. Għax altru taqra jew tisma' u altru tara b'għajnejk u tmiss b'idejk.

Padre Pio għex f'dan il-kunvent għal aktar minn 50 sena, sakemm miet fit-23 ta' Settembru 1968.

## Ħjiel Storiku fuq San Giovanni Rotondo

San Giovanni Rotondo jagħmel sehem mill-provinċja ċivili ta' Foggia, fir-reġjun tal-Puglia.

Huwa ġie mwaqqaf fl-1095 fuq il-fdalijiet ta' raħal li jmur lura sas-seklu erbgħa q.K. Wieħed għadu jista' jara xi sinjali, bħalma huma ftit oqbra u binja ta' forma ċilindrika, tonda, iddedikata lill-qima tal-alla Ġjanu, li mbagħad, fis-sena 642 w.K., ġie mibdul u kkonsagrat għall-qima t'Alla wieħed u msemmi għal San Ġwann il-Battista.

Kien propju minn dan li hawn ħa ismu San Giovanni Rotondo.

Imxaħxaħ f'wied sabiħ fil-Park Nazzjonali tal-Gargano, kważi 600 metru fuq il-livell tal-baħar, San Giovanni Rotondo llum m'għadux dak ir-raħal li kien sab mal-wasla tiegħu Patri Piju, imma wara l-mewt tiegħu San Giovanni Rotondo beda jissejjaħ, kif kien jixraq, *Città Padre Pio*.

## Storja fil-qosor tal-kunvent

Il-kunvent Kapuċċin ta' San Giovanni Rotondo ġie mwaqqaf fl-1540 fuq ix-xewqa tan-nies tal-post. Kemm l-Arċisqof ta' Manfredonia, kemm il-Kardinal Giovanni Maria di Monte San Sabino u saħansitra l-Papa Giulio III taw il-barka tagħhom għall-bini tiegħu.

Benefattur ewlieni tal-art li fuqha nbena l-kunvent kien Orazio Antonio Landi, li kellu dar żgħira li kellha bir magħha, kif wieħed soltu jsib fil-kampanja.

Il-binja tiegħu kienet solenni u awstera fl-istess ħin, kif kienet titlob it-tradizzjoni Kapuċċina. Għal ħafna snin dan il-kunvent kien ukoll Dar tal-Formazzjoni tal-Bidu, għan-novizzi.

Bħal kunventi oħra dan il-kunvent ukoll kellu jsofri l-liġi tas-Soppressjoni tal-Ordnijiet Reliġjużi mill-ħakkiema Franċiżi. Is-Soppressjoni daħlet fis-seħħ fl-4 ta' Lulju 1811, u għalhekk

il-patrijiet kellhom iħallu l-kunvent. Flokhom, sena wara, ħadu pussess tiegħu xi ħallelin armati tajjeb, li għamlu straġi sħiħa minnu. Il-kunvent, imbagħad, kien reġa' fetaħ il-bibien tiegħu fl-1816.

Bħallikieku soppressjoni waħda ma kinitx biżżejjed. Ħamsin sena wara, fl-1866, il-kunvent reġa' ntlaqat minn soppressjoni oħra, għal tul ta' 40 sena, din id-darba minn gvern Taljan. Dakinhar il-kunvent, b'dak kollu li kellu, safa' għall-bejgħ bi rkant.

Reġa' nfetaħ fl-1909, meta allura kien Ministru Provinċjal Patri Beneditt minn San Marco in Lamis, imma ngħata lura lill-Kapuċċini biss fl-1925. Minħabba l-ħsarat kbar li ġarrab kellhom isiru ħafna tiswijiet, u għalhekk il-patrijiet ħadu l okkażjoni biex ikabbruh xi ftit iżjed milli kien fil-bidu.

## Patri Piju f'San Giovanni Rotondo

Patri Beneditt minn San Marco in Lamis, Ministru Provinċjal, għarraf lil Patri Piju, permezz ta' ittra li ġġib id-data tas-17 t'Awwissu 1916, li kien ġie assenjat għall-kunvent ta' San Giovanni Rotondo.

Għalhekk Patri Piju jikteb lil Patri Wistin, direttur spiritwali tiegħu, biex jgħarrfu li t-tluq tiegħu lejn San Giovanni Rotondo kien wieħed imminenti (fl-4 ta' Settembru 1916).

Mal-wasla tiegħu f'San Giovanni Rotondo Patri Piju ġie mogħti ċ-ċella numru 5. Dam f'din iċ-ċella sal-1940, meta mbagħad mar fiċ-ċella numru 1, fejn baqa' sakemm miet fit-23 ta' Settembru 1968.

Il-ġurnata ta' Patri Piju f'dan il-kunvent qisha ma kinitx ta' 24 siegħa, għax kien jgħaddi sigħat jitlob, sigħat iqarar jew jagħti pariri siewja, iwieġeb l-ittri li kien jirċievi mingħand l-ulied spiritwali tiegħu, flimkien mal-ħin li kien iqatta' mal-patrijiet l-oħra.

F'dan il-kunvent seħħew ġrajjiet straordinarji kbar, bħalma kienu dehriet tal-Bambin f'dirgħajn Patri Piju lejlet il-Milied, jew dawk ta' erwieħ li kienu jmorru jħabbtu l-bieb tal-kunvent biex jirringrazzjaw lill-patri Kapuċċin talli jkun talab għalihom biex jinħelsu mill-purgatorju. Grajjiet mistiċi kbar bħalma kienet dik tan-nifda tal-qalb, u l-għoti tal-pjagi fid-dieher, nhar l-20 ta' Settembru 1918, seħħew bejn l-erba' ħitan ta' dan il-kunvent.

Flimkien ma' dawn kien hemm l-attakki feroċi tal-'Barbablu', kif il-Padre kien isejjaħ lix-xitan; attakki msieħba minn għajjat u daqqiet li kienu jidhru fil-tbenġil fuq il-ġisem dgħajjef u marradi tal-Kapuċċin.

L-Epistolarju, li ħareġ minn bejn is-swaba' ta' Patri Piju fiż-żmien li għamel San Giovanni, huwa wieħed kbir. Huwa korrispondenza ta' tul ta' madwar 5 snin. L-ittri huma indirizzati lis-superjuri tiegħu, kif ukoll lill-ulied spiritwali tiegħu.

Huma ittri li fihom il-qaddis jitkellem qalbu. It-teoloġija tas-salib, tat-tbatija, hija waħda għanja ħafna fihom, flimkien ma' spiritwalità profonda.

Patri Piju waqaf jikkorrispondi fis-sena 1922, meta allura nsibu li kien ġie miżmum milli jkollu xi kuntatt man-nies barra l-kunvent mis-Santa Sede.

L-aħħar ittra li kiteb minn San Giovanni Rotondo kienet dik lill-Beatu Papa Pawlu VI, u li ġġib id-data tat-12 ta' Settembru 1968.





*Dehra tal-kunvent Kapuċċin f'San Giovanni Rotondo; is-snin huma lejn l-1920.*



MISSJONI
Mons Salv Grima

# Tal-Ħali (in-Nadur) jgħin lil ta' Hola (il-Kenja)

Kien f'Jannar 1986 li grupp ta' residenti min-naħa ta' Triq ir-Ramla għoġobhom jibdew proġett ta' għajnuna billi jisponsorjaw tifel jew tifla fil-missjoni. L-għażla waqgħet fuq il-Kenja, fejn dik il-ħabta kienu qed isiru diversi żjarat ta' voluntiera f'isem il-Moviment Missjunarju Għawdxi, fosthom anki wħud mill-parroċċa tagħna. Is-sena 2015 ser tkun it-30 sena li qed tkompli din l-għajnuna.

Għal dan il-proġett, imsejjaħ MCF (*Malta Children's Fund*), hemm għadd ta' benefatturi Maltin u Għawdxin li minn sena għal oħra jisponsorjaw lil xi ħadd ħalli jingħata ikel, mediċina, ħwejjeġ u affarijiet għall-iskola, barra bżonnijiet oħra. Din l-għajnuna hija abbinata mal-parroċċa ta' Hola, li għandha għadd ta' stazzjonijiet jew irħula fejn hemm l-Insara bi ħtiġijiet speċjali. Jieħdu ħsieb din il-parroċċa hemm Patri Joe Galea u Patri Spiru Galea, it-tnejn Kapuċċini, li fl-imgħoddi kellhom jgħinuhom ukoll xi sorijiet Maltin 'Ulied il-Qalb ta' Ġesù'.

L-għajnuna tikkonsisti f'għotja ta' Lm4.00 kull xahar dakinhar, jew ta' €9.32 llum, jiġifieri Lm48 jew €112 fis-sena. Din l-offerta kienet u għadha tinġabar fil-ferja ta' matul is-sena kollha, waqt il-quddiesa tal-ewwel Ġimgħa tax-xahar, li bdiet fir-residenza tal-familja Muscat u llum tkompliet fil-parti ta' Triq Binġemma, għand il-familja Buttigieg.

## Agnes Bona

L-ewwel persuna li ġiet sponsorjata kienet tifla, Agnes Bona, mir-raħal ta' Wenje. Kienet minn familja mit-tribù msejjaħ Pokomo, familja Kattolika imma fqira. Ommha Catherine kienet ġiet attakkata minn kukkudrill waqt li kienet tinħasel fix-xmara. B'xorti tajba ġiet salvata imma sfat feruta f'dirgħajha u baqgħet immankata. Din l-għajnuna ssoktat għal ftit għaliex f'Mejju 1987, waqt li kienet qed titħejja għall-ewwel tqarbina, li kellha tingħata fl-14 ta' Ġunju, Agnes mardet u ftit ġranet wara mietet. Kienet għarrfitna b'din l-aħbar Sr Sandra Cassar, soru tad-*Daughters of the Sacred Heart*, magħrufin fostna bħala Ta' Nuzzo, għall-Madre fundatriċi. Fl-ittra tagħha tal-10 ta' Ġunju 1987 Sr Sandra kitbet:

"Is-Sibt 30 ta' Mejju jien mort nara lit-tfal li ser jagħmlu l-preċett f'Wenje. Il-katekista qaltli li Agnes marida, però kollox taf. F'nofs il-laqgħa

naraw lil Agnes ġejja. Din kompliet kollox magħna. Is-Sibt ta' wara, 6 ta' Ġunju, ġew id-dar tagħna l-ġenituri ta' Agnes fis-7 ta' filgħodu u qalulna li binthom mietet. Ma ngħidilkomx x'xokk ħadna! Kienu ġabuha l-isptar il-ġurnata ta' qabel u mal-lejl mietet. Patri Joe u jien ħadnieha bil-karozza tagħna. Il-faqar tarah. Geżwru t-tifla bil-liżar li kellu missierha u bil-libsa li kellha ommha. Poġġejnieha fuq biċċa *hardboard* bħala tebut. Xi trid tagħmel? Hekk huma dawn in-nies. Ma nistax infehemkom il-faqar tagħhom. Jekk tridu tistgħu tibqgħu tgħinu lil tifel li jiġi minnha."

## Peter Baganda

Hekk ġie deċiż. L-istess għajnuna bdiet tingħata lil Peter Baganda, li s-sena ta' wara, l-1988, kellu jibda jmur l-iskola. Missieru Gafa kien bidwi li bilkemm kien jaqlagħha minħabba n-nuqqas ta' xita. Flimkien ma' martu Tabita apprezzaw il-ħsieb tal-benefatturi u din l-għajnuna baqgħet sejra għal snin twal. Sadattant f'Diċembru 2009 l-quddiesa bdiet tkun fi Triq Binġemma. Hawn, dawk li kienu jieħdu sehem fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar ġew mgħarrfa li Peter "ma kienx għadu joqgħod Hola u għalhekk Patri Joe ma kienx jista' jibqa' jgħinu, peress li mar joqgħod f'post 'il bogħod."

## Samuel Moses Matayo

Ma' din l-aħbar saret stedina oħra, u flimkien mar-ritratt ta' Samuel Moses, il-benefatturi, li tul iż-żmien inbidlu kważi għalkollox, irċevew l-ewwel tagħrif "li dan hu tifel ieħor fqir, mill-istess tribù Pokomo. Samuel jgħix fiċ-ċentru ta' Hola u twieled fit-28 ta' Mejju 1997 u huwa t-tieni fost ħames ulied. Missieru Matayo u ommu Hawayo huma bdiewa b'biċċa art fuq ix-xtajta tax-Xmara Tana. Fl-imgħoddi x-xmara kienet tfawwar darbtejn fis-sena u l-bdiewa kien ikollhom ilma biżżejjed għall-uċuħ tagħhom. Iżda mindu sar l-ilqugħ għall-użu tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, xi 300 kilometru bogħod, il-pressa tal-ilma waqfet. Minħabba f'hekk il-bdiewa batew fil-prodotti tagħhom għax xita ftit tagħmel f'dawn l-inħawi, u mhix biżżejjed għall-biedja.

"Matayo jistinka għall-familja billi jaqta' l-injam għan-nar biex ibigħu fis-suq, waqt li Hawayo tagħmel twapet minn ħaxix niexef iżda mhux dejjem ikun hemm bejgħ tagħhom. Darhom hija għarix mill-ifqar, li bilkemm għandha saqaf fuqha. Jeħtieġu lbies għall-iskola għal uliedhom, kotba, ikel, sodod u lożor. L-għajnuna tagħkom se jilqgħuha bil-qalb kollha," temm jgħidilna Patri Joe Galea OFMCap.

Illum Samuel Moses għandu 17-il sena u jinsab Form 1, u l-ewwel ċans li jkollna nistaqsuh x'inhu l-pjan tiegħu għall-ġejjieni. Sadattant fil-quddiesa tal-ewwel Ġimgħa dejjem niftakru fih u fil-missjunarji Maltin kollha.





MISSJONI
Mons. Joseph Alessandro OFMCap
Isqof ta' Garissa

# Karibu Kenya, Papa Fransisko!

## *Merħba fil-Kenja, Papa Franġisku!*

### Stedina li saret mill-isqfijiet Kenjani

F'April 2015 l-isqfijiet kollha tal-Kenja konna fuq żjara lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku fil-Vatikan, Ruma. Dakinhar konna stedinnieh jiġi jżur il-Kenja. Għalkemm dakinhar ma qalilna xejn, però baqgħet f'moħħu, tant li mhux biss inkluda lill-Kenja fil-vjaġġ li kien ippjanat li jagħmel fl-Uganda u fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, iżda talli poġġa lill-Kenja fl-ewwel waqfa tiegħu fuq l-art Afrikana u pprogramma aktar żmien fil-Kenja milli fiż-żewġ pajjiżi l-oħra Afrikani.

Tlett ijiem qabel il-wasla tiegħu fil-Kenja, il-Papa Franġisku bagħat messaġġ ta' xewqat tajba lin-nies kollha tal-Kenja u saħaq li, bħala qaddej tal-Evanġelju, irid iwasslilhom messaġġ ta' rikonċiljazzjoni, maħfra u paċi. Ħeġġiġhom biex jiftħu qalbhom, l-aktar lejn il-fqar u dawk fil-bżonn. Kellu kliem ta' inkuraġġiment u ta' qbil bejn nies ta' twemmin differenti biex jimxu flimkien bħala wlied ta' familja umana waħda.

### Il-Papa Franġisku jasal għal tlett ijiem fil-Kenja

Kienu l-4.30 ta' waranofsinhar tal-Erbgħa 25 ta' Novembru 2015 meta l-ajruplan tal-Alitalia mess l-art tal-Kenja fl-ajruport internazzjonali ta' Nairobi, l-ewwel pajjiż li kien qiegħed iżur fil-kontinent Afrikan. Ġie mogħti merħba mill-



President tal-Kenja u s-Sinjura Kenjatta, u minn diversi uffiċjali ċivili u ekkleżjastiċi. U gruppi magħżulin li ħolqu atmosfera sabiħa u ferriħija bil-kant u ż-żfin tagħhom.

Matul it-triq lejn l-i*State House*, folol ta' nies laqgħuh biċ-ċapċip. Mill-ewwel impressjona lil kulħadd bis-sempliċità u l-modestja tiegħu, f'kuntrast mal-lussu li bih huma mdawrin il-kbarat u l-mexxejja tal-pajjiżi. Kien jidher ċar ħafna l-kuntrast bejn il-karozza li uża, Honda Ballade, karozza żgħira li tintuża minn nies komuni, u l-karozzi kbar li kienu qed iġorru lill-President u membri oħra tal-gvern.

L-ewwel laqgħa uffiċjali tiegħu kienet fl-i*State House*, fejn iltaqa'mal-awtoritajiet ċivili tal-Kenja u mal-membri tal-Korp Diplomatiku u diversi mistednin distinti. Hemm tkellem fuq is-sbuħija naturali tal-pajjiż tal-Kenja u ħeġġeġ għal aktar sensibbiltà, mhux biss lejn in-natura iżda b'mod speċjali bejn il-bnedmin, li huma l-aktar ħolqien li jixbah lil Alla. Fakkar fir-responsabbiltà li ngħaddu lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna l-wirt naturali u kulturali li ħallewlna ta' qabilna. Tkellem ukoll dwar il-paċi u l-ġustizzja li għandhom imexxu lill-pajjiż.

### It-tieni jum - Festa pubblika

Il-jum tal-Ħamis, li kien iddikjarat mill-gvern bħala jum ta' talb u rikonċiljazzjoni, u fl-istess ħin bħala jum ta' btala pubblika, kien mimli b'laqgħat sinifikattivi u importanti ħafna. Filgħodu kmieni ltaqa' mal-mexxejja tad-diversi reliġjonijiet u twemmin fid-dar tan-Nunzju Appostoliku. Hemm saħaq fuq il-ħtieġa ta' armonija interreliġjuża u ekumenika, li sservi ta'

ġid lil kulħadd. Talab li jkun hemm aktar għaqda bejn il-Musulmani u l-Insara, b'referenza għall-attakki terroristiċi, fosthom dawk li seħħew din is-sena f'Mandera (parroċċa fid-djoċesi ta' Garissa) u fl-Università ta' Garissa, mill-grupp terroristiku Al-Shabaab, fejn tilfu ħajjithom 'il fuq minn mitejn Nisrani.

Il-Papa qal li, b'rispett lejn id-dinjità u d-drittijiet tal-bniedem, ir-reliġjonijiet għandhom rwol importanti fil-formazzjoni tal-kuxjenza, billi jnisslu fin-nies u b'mod speċjali fost iż-żgħażagħ il-valuri spiritwali profondi tal-onestà, tal-integrità u l-valur tal-persuna umana li jiġi fuq kull poter u akkwist materjali, u rispett lejn it-tradizzjonijiet rispettivi ta' kull reliġjon. Il-Papa tkellem fuq il-fenomenu tar-radikalizzazzjoni taż-żgħażagħ li f'isem ir-reliġjon jiżra' l-firda, il-biża' u l-qtil ta' nies innoċenti. "Bħalma Alla, li qed infittxu li naqdu, huwa Alla tal-paċi, hekk ukoll kull wieħed u waħda minna rridu nkunu profeti ta' paċi u qatt ma ninqdew bl-isem ta' Alla biex niġġustifikaw il-mibegħda u l-vjolenza," qal il-Papa.

## Quddiesa fl-Università f'Nairobi



Wara din il-laqgħa kien imiss il-mument l-aktar mistenni li fih il-Papa kellu jqaddes fil-pubbliku, fuq il-*grounds* tal-Università ta' Nairobi. Minkejja li t-temp ma tantx kien favorevoli, bil-kwantità ta' xita li niżlet matul il-lejl ta' qabel, u li baqgħet nieżla matul il-quddiesa, 'il fuq minn 300,000 ruħ attendew għall-quddiesa, bi wħud minnhom jistennew biex isibu post sa mit-3.00 ta' filgħodu. Madwar 700,000 ruħ oħra segwew il-quddiesa minn fuq *screens* kbar li tqiegħdu fi bnadi oħra fil-beraħ, qrib tal-università. Fost in-nies kien hemm mal-4,000 saċerdot jikkonċelebraw, u 1,000 reliġjuża mara. Il-quddiesa kienet animata minn kor ta' 360 membru miġburin minn 12-il djoċesi differenti fil-Kenja. Ta' min jgħid li tletin fil-mija tal-popolazzjoni tal-Kenja, inkluż il-President u l-familja tiegħu, huma Kattoliċi.



Waqt l-omelija tiegħu, bl-Ispanjol u bi traduzzjoni simultanja bl-Ingliż, il-Papa tkellem bil-qawwa kollha kontra l-vjolenza domestika fuq in-nisa, filwaqt li ħeġġeġ biex jissaħħu aktar il-valuri tal-familja. Irrefera għat-tagħlim tal-Knisja, speċjalment kontra l-prattika tal-abort. Wissa kontra l-periklu tal-materjaliżmu u l-indifferenza lejn l-oħrajn, u fakkar li l-familji Nsara għandhom missjoni partikolari: dik li jirriflettu l-imħabba ta' Alla u jxerrdu l-Ispirtu li jagħti l-ħajja.

Filwaqt li l-Papa rrikonoxxa l-fatt li l-quddiesa kienet qed tiġi ċċelebrata fuq il-*campus* tal-università, fejn l-imħuħ ta' tant żgħażagħ jiġu ffurmati, tkellem dwar iż-żgħażagħ u l-ħtieġa li s-soċjetà tinvesti fihom. Ma setax jonqos li ma jfakkarx li qatt m'għandna ninsew jew inwarrbu lil dawk inqas privileġġjati – il-fqar f'kull sens.

## Il-Papa mal-kleru djoċesan u reliġjuż

Dakinhar stess tal-Ħamis, il-Papa kellu laqgħa waranofsinhar mal-kleru u r-reliġjużi rġiel u nisa fuq il-*grounds* ta' St Mary's Catholic School, f'Westlands. Il-Papa baqa' mistagħġeb bil-kwantità ta' saċerdoti u reliġjużi rġiel u nisa li laqgħuh fosthom b'entużjażmu kbir. Il-Papa Franġisku apprezza ħafna l-ħidma kbira mibdija mill-missjunarji 'l fuq minn mitt sena ilu, u li fil-preżent qed titkompla u tinfirex iżjed. Din il-ħidma kienet u għadha s-sinsla tas-soċjetà tal-Kenja, speċjalment fil-qasam tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-promozzjoni umana, li tagħhom il-Knisja fil-Kenja kienet il-pijuniera, qabel ma l-gvern innifsu beda jagħti l-għajnuna soċjali.

Dwar il-vokazzjoni saċerdotali u reliġjuża l-Papa kellu kliem ta' veru missier. Ħeġġiġna biex napprezzaw u ngħixu l-vokazzjoni li hija ġejja minn Alla, u li mhux aħna għażilnieha. Fakkarna li l-bieb għal kull vokazzjoni huwa Ġesù, u li vokazzjoni tassew hija meta wieħed jgħaddi minn dan il-bieb u mhux mit-tieqa. Għal dawk li jippruvaw jidħlu mit-tieqa – b'motivazzjonijiet

u ambizzjoni personali, ta' gwadann materjali u ta' unuri jew pożizzjoni privileġġjata – il-Papa qalilna biex lil dawn it-talin ngħannquhom iżda bil-prudenza kollha ngħidulhom u nuruhom li aħjar jagħżlu triq oħra differenti fil-ħajja. "Il-vokazzjoni hija servizz. Alla għażilna biex naqdu u mhux biex inkunu moqdija, u lanqas biex ninqdew bil-vokazzjoni għal xi vantaġġ personali tagħna."

### Ir-Rużarju u l-Via Crucis għall-Papa

Fl-għeluq ta' din il-laqgħa l-Papa Franġisku qalilna li kellu xi ħaġa privata, sigriet personali li ried jaqsam magħna. Qalilna xi jġorr miegħu fil-but tas-suttana, u allura ħareġ kuruna tar-rużarju u pawċ żgħir li fih kellu l-*via sagra* fiċ-ċokon. Qalilna li dawn iż-żewġ affarijiet dejjem iġorrhom miegħu fil-but għax huma żewġ armi qawwijin biex ikun jista' jgħix il-vokazzjoni tiegħu. Meta abbanduna r-rużarju sab ħafna tfixkil, u kull meta ma setax jifhem għaliex in-nies ibatu, sab tweġiba fil-passjoni tal-Mulej.



F'dan it-tieni jum tiegħu filgħaxija, imbagħad, kellu laqgħa fil-Kwartieri Ġenerali tan-NU fl-Afrika, fejn fost affarijiet oħra tkellem fuq is-*slums* li jdawru l-bliet kapitali, u saħaq li kull bniedem għandu d-dritt fundamentali għal kundizzjonijiet li jgħinuh jgħix b'dinjità.

Tkellem ukoll, kif kien mistenni, fuq it-tibdil fil-klima, kif qed jaffettwa popli kbar u l-aktar dawk li qegħdin jgħixu fil-faqar. Fakkar fir-responsabbiltà globali li l-mexxejja jridu jaraw li ma tkomplix issir ħsara lill-ambjent, inklużi b'mod partikolari n-nies fil-marġni tas-soċjetà, u li jinsabu rimedji biex tittaffa l-ħsara li diġà saret.

### Franġisku jżur *slum areas*

Dan id-diskors tal-Papa kien bħala introduzzjoni għall-attività li kienet qiegħda tistennieh l-għada filgħodu, meta mar iżur wieħed mill-ħdax-il *slum area* li jinsabu madwar Nairobi, li fihom jgħixu miljuni ta' nies.

Fil-fatt il-Ġimgħa filgħodu mar iżur in-nies li jgħixu f'Kangemi, *slum* b'madwar 50,000 resident, mingħajr faċilitajiet sanitarji bażiċi, fejn familji jgħixu f'kamra waħda tat-tajn jew tal-pjanċi, mingħajr ilma nadif u mingħajr ebda sistema ta' dranaġġ u ta' dawl elettriku. F'din is-*slum* hemm parroċċa ddedikata lil San Ġużepp Ħaddiem, immexxija mill-patrijiet Ġiżwiti. Hemm jgħixu wkoll diversi komunitajiet ta' reliġjużi nisa, lesti li jgħinu u jaqbżu għad-drittijiet ta' dawn in-nies.

Hekk kif wasal f'din l-i*slum*, niżel mill-karozza u mexa fit-triq mimlija tajn biex iħossu viċin ta' tant tfal u nies li qasmu miegħu diversi stejjer ta' attakki fuq in-nisa minn *gangs* ta' nies li jmutu b'abbuż ta' alkoħol illegali, u ta' negozjanti li jaħtfu artijiet li huma allokati għall-iskejjel biex jiżviluppawhom għan-negozju personali tagħhom. Il-Papa bil-qawwa kollha ddenunzja dawn il-forom ġodda ta' kolonjaliżmu li qed jagħmlu minn pajjiżi Afrikani parti minn mekkaniżmu ġgantesk li jisfrutta lill-fqar għall-vantaġġi ta' qligħ personali.

Il-Papa sejjaħ dawn is-*slums* bħala l-'feriti' kkaġunati min-nies li huma l-*elite*, jiġifieri nies meqjusin bħala nies privileġġjati u li jistgħu jagħmlu li jridu, b'mod speċjali dawk li jiggranfaw mal-poter u mal-ġid li akkumulaw b'mod inġust. Lin-nies qalilhom: "Kif nista' ma nikkundannax dawn l-inġustizzji li intom qegħdin iġġarrbu?"

### Laqgħa maż-żgħażagħ ma tonqosx

Minn Kangemi l-Papa baqa' sejjer biex jiltaqa' maż-żgħażagħ fl-Istadju ta' Kasarani, barra mill-qalba ta' Nairobi. Hawn il-Papa kien milqugħ








minn madwar 300,000 żagħżugħ u żagħżugħa b'entużjażmu enormi. Żewġ żgħażagħ tkellmu f'isem iż-żgħażagħ kollha tal-Kenja u esprimew it-tħassib, l-isfidi u l-problemi li ż-żgħażagħ qegħdin iħabbtu wiċċhom magħhom, u talbu lill-Papa jagħtihom kelma ta' direzzjoni u kuraġġ.

Fil-messaġġ tiegħu ta' 45 minuta, il-Papa pprova jwieġeb għal dak li poġġew quddiemu ż-żgħażagħ, u kien qawwi ħafna fil-mod kif ikkundanna t-tribaliżmu u l-korruzzjoni eżistenti fil-Kenja, mingħajr ma qagħad jiddejjaq li preżenti kien hemm ukoll il-President, diversi gvernaturi u mexxejja politiċi.

Quddiem il-problema tat-tribaliżmu (jiġifieri li tribù jiddomina fuq tribù ieħor, anki bil-vjolenza jew politikament), il-Papa qal liż-żgħażagħ u lil kull min kien preżenti li jekk ma niddjalogawx ma' xulxin, jekk ma niddiskutux wieħed mal-ieħor, ser ikollna qasmiet kbar fil-pajjiż. Imbagħad stieden lil kulħadd biex iżomm idejh f'ta' xulxin bħala sinjal kontra l-pjaga tat-tribaliżmu. Beda hu jżomm idejn dawk ta' maġenbu, komplew il-President u ta' madwaru u t-300,000 żagħżugħ u żagħżugħa preżenti, u qal: "Aħna lkoll nazzjon wieħed. Hekk għandhom ikunu qlubna. Mhux biss ngħollu jdejna f'ta' xulxin, iżda rridu nisimgħu b'widnejna lil xulxin filwaqt li niftħu qlubna għal xulxin."

Dwar il-korruzzjoni, il-Papa qal li hija pjaga mhux biss fil-Kenja u fl-Afrika, iżda wkoll fil-Vatikan. Xebbah il-korruzzjoni maz-zokkor, li meta dduqu ttiegħmu ħelu u jqanqallek l-aptit għal aktar. "Iżda aktar ma tieħu zokkor aktar timrad bid-dijabete, u mhux biss int, iżda l-pajjiż kollu mbagħad ikun marid. L-istess tagħmel il-korruzzjoni. Meta taċċetta li tixxaħħam jew li xxaħħam, tkun qed tkisser lilek innifsek, tkun qed tiddistruġġi 'l pajjiżek."

Qalilhom ġrajja ta' wieħed raġel f'pajjiżu li kulħadd kien jaf kemm kien korrott kbir. Wara li miet u għamlulu l-funeral, il-Papa staqsa lil waħda mara kif mar il-funeral. Din, b'ċertu sarkażmu, qaltlu li ma setgħux jagħlqu t-tebut għax ried li l-ġid kollu li akkwista (permezz tal-korruzzjoni) jidfnuh miegħu fit-tebut, u l-ġid li kellu kien ħafna. It-tagħlima: dak kollu li nakkwistaw irridu nħalluh warajna.

Mistoqsi kif iż-żgħażagħ jistgħu jgħinu żgħażagħ oħra bħalhom biex ma jiġux radikalizzati, u kif jgħinu lil dawk radikalizzati biex jirnexxilhom joħorġu mill-estremiżmu, il-Papa qalilhom biex jagħtu kas xulxin u meta jaraw lil xi ħadd minnhom maqtugħ mill-grupp, jagħtu aktar kasu. Lil dawk li kellhom esperjenza ta' radikalizzazzjoni rridu nuruhom aktar imħabba u sens ta' maħfra u rikonċiljazzjoni.

Fl-aħħar il-Papa talabhom jiddefendu l-familja u jieħdu ħsieb il-fqar, il-mitluqin u l-morda.

### Il-Papa jsellem lill-isqfijiet

Qabel telaq lejn l-ajruport fi triqtu lejn l-Uganda, il-Papa ltaqa' magħna l-isqfijiet tal-Kenja. Kienet opportunità biex nuruh l-apprezzament tagħna għaż-żjara tiegħu fil-Kenja, u anki n-nies apprezzawha u mliethom b'kuraġġ, tama u mħabba lejn il-Knisja. Min-naħa tiegħu rringrazzjana tal-mod kif ġie milqugħ fil-Kenja u talabna nitolbu għalih, kif għamel fit-tmiem ta' kull diskors u messaġġ tiegħu li għamel matul it-tlett ijiem tiegħu fil-Kenja.







AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA
Fr Publius Mair OFMCap
Segretarju Provinċjali

# Mid-djarju tal-Kapuċċini Maltin

## Tibdil uffiċjali fit-tmexxija tad-djoċesi ta' Garissa

Nhar it-Tnejn 7 ta' Diċembru 2015 irċevejna l-aħbar li l-għada, it-Tlieta 8 ta' Diċembru 2015, Ħuna Mons. Joseph Alessandro, li sa issa kien Isqof Koadjutur ta' Garissa, kellu jieħu f'idejh it-tmexxija tad-djoċesi ta' Garissa minflok l-Isqof Mons. Pawlu Darmanin. Din il-bidla fit-tmexxija ġiet ippubblikata fil-gazzetta tal-Vatikan L'*Osservatore Romano* proprju nhar il-festa ta' Marija Immakulata.



Din il-bidla saret wara li issa Mons. Pawlu Darmanin, Kapuċċin, għalaq l-età ta' 75 sena, u għalhekk skont in-normi tal-liġijiet tal-Knisja kellu jitlob ir-riżenja mit-tmexxija. Dan huwa għamlu b'ubbidjenza lejn dak li titlob il-Knisja, u kien il-Papa Franġisku li aċċetta din ir-riżenja. Għalhekk minn qiegħ qalbna nixtiequ tassew inroddu ħajr lil Alla għar-rigal kbir li huwa ta lill-Knisja, b'mod speċjali lid-djoċesi ta' Garissa, fil-Kenja, fil-persuna ta' Mons. Pawlu Darmanin, bħala l-ewwel isqof tagħha. Huwa ta dan il-qadi tiegħu għal 32 sena ta' ħidma bla waqfien f'mumenti ferm diffiċli.

Fl-istess waqt nifirħu lill-isqof il-ġdid ta' Garissa, Ħuna Mons. Joseph Alessandro, Kapuċċin, fil-bidu uffiċjali tal-ministeru tiegħu bħala isqof mexxej ta' din id-djoċesi ta' Garissa, tant għażiża għalina l-Maltin u l-Għawdxin. Huwa proprju xtaq li jagħti bidu għal dan il-ministeru tiegħu nhar il-festa ta' Marija Immakulata u fil-bidu tal-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena ta' Alla.

F'dan il-jum tat-8 ta' Diċembru ma sar xejn speċjali ħlief quddiesa konċelebrata miż-żewġ isqfijiet u l-kleru f'Garissa. Dan minħabba li t-toroq kienu magħluqa minħabba x-xita, u anke peress li ħafna min-nies kienu ġa telqu lejn djarhom peress li kienu diġà bdew il-vaganzi tal-iskejjel. Però ser issir quddiesa solenni nhar l-10 ta' Jannar, li għaliha ser ikun mistieden



in-Nunzju Appostoliku għall-Kenja flimkien mal-isqfijiet ta' Malindi, Ħuna Emanuel Barbara, Kapuċċin, u l-isqof ta' Mombasa.

Kemm l-Isqof Emeritu Mons. Pawlu Darmanin kif ukoll l-Isqof ta' Garissa Mons. Joseph Alessandro ser jaslu Malta flimkien nhar it-22 ta' Jannar 2016. Inkomplu niftakru fihom fit-talb tagħna.

## L-Aħwa Kapuċċini Maltin jiftħu s-Sena tal-Ħniena bi żjara fil-ħabs

Fuq l-inizjattiva tal-Papa Franġisku, nhar it-Tlieta 8 ta' Diċembru 2015 il-Knisja Kattolika tat bidu għas-Sena tal-Ġublew iddedikata lill-Ħniena ta' Alla, li dehret f'Ġesù. Dan qiegħed jiġi wkoll iċċelebrat f'Malta, meta l-isqfijiet tagħna fetħu l-bibien tal-katidrali prinċipali kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Ma' dawn il-katidrali ġew magħżula knejjes oħra sabiex iservu bħala postijiet privileġġjati fejn il-Kattoliċi jmorru u hemm jirċievu l-maħfra u l-indulġenzi magħquda ma' din is-Sena ta' Grazzja.



L-ewwel bieb li nfetaħ kien proprju dak tal-kappella tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin (il-ħabs). Dan sar nhar l-Erbgħa 9 ta' Diċembru (l-għada tal-ftuħ tas-Sena tal-Ħniena) mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Din kienet ċerimonja tassew sinifikanti u kommoventi, li saret, fi kliem l-Isqof Grech, *"f'dak li nistgħu nsejħulu t-tielet katidral tal-gżejjer tagħna."* M'hemmx post isbaħ u aħjar fejn tiġi ċċelebrata s-Sena tal-Ħniena jekk mhux qalb dawk li qed jiskontaw sentenza ta' ħabs, dawk li għalkemm ħafna drabi ma jsibux ħniena mingħand il-bnedmin, imma iva, żgur isibuha mingħand Alla.




Għal din iċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-bieb tal-kappella tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, minbarra l-preżenza tal-Isqof ta' Għawdex kien hemm ukoll il-parteċipazzjoni ta' għadd gmielu ta' Aħwa Kapuċċini, fosthom il-Ministru Provinċjal Ħuna Martin Micallef, flimkien maż-żewġ kunsillieri ġenerali li kienu fostna minn Ruma: Ħutna Pio Murat u Mark Schenk. Ma' dawn kien hemm ukoll il-preżenza tal-maġġoranza tar-residenti f'din il-faċilità, li lkoll kemm huma apprezzaw dan il-ġest li sar magħhom mill-Kapuċċini, li f'idejhom hija fdata l-assistenza spiritwali u pastorali.



Prosit għal din l-inizjattiva u nifirħu lil Ħutna Franco Fenech u Martin Mamo, bħala l-Aħwa kappillani tal-ħabs. Nawguraw li ċelebrazzjoni simili ssir ukoll fil-ġimgħat tar-Randan.

## Vista ta' żewġ kunsillieri ġenerali f'Malta

Bejn is-6 u t-22 ta' Diċembru 2015 kellna fostna l-vista ta' żewġ kunsillieri ġenerali. Dawn kienu l-kunsillier ġenerali għall-konferenza taċ-CENOC li Malta tagħmel parti minnha, Ħuna Pio Murrat, u l-kunsillier ġenerali responsabbli mill-qasam tal-ekonomija Ħuna Mark Schenk.

Matul din iż-żjara fraterna Ħuna Pio Itaqa' mal-Aħwa kollha kemm fuq livell individwali kif ukoll mal fraternitajiet kollha tagħna, filwaqt



li Ħuna Mark iltaqa' ma' dawk li għandhom fir-responsabiltà tagħhom xi forma ta' ħidma finanzjarja. Dawn huma visti fraterni li jsiru kull tant żmien bil-għan li tkompli tissaħħaħ l-għaqda tagħna mat-tmexxija ġenerali f'Ruma, u għalhekk mal-bqija tal-Ordni tal-Minuri Franġiskani Kapuċċini fid-dinja. Visti bħal dawn iservuna wkoll sabiex bħala Aħwa Minuri Kapuċċini Maltin insiru nafu aktar it-triq li l-Ordni tagħna huwa miexi fiha għall-futur.

Nixtiequ nroddu ħajr lil dan iż-żewġ Ħutna Pio u Mark għall-impenn tagħhom matul il-ġimgħat li għaddew magħna, u mhux inqas għall-kliem ta' apprezzament u inkoraġġiment li ħallewlna, għall-mod kif qed ngħixu l-kariżma Franġiskana Kapuċċina f'Malta, f'Għawdex u fil-Kenja.

## Tisjir mill-Qalb

It-Tlieta 3 ta' Novembru 2015 saret it-tnedija tal-ktieb *Tisjir mill-Qalb* fil-Kitchen Garden tal-



Palazz tal-President, fil-ġonna ta' Sant'Anton. Il-ktieb, li għal din is-sena ġie ppubblikat kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, issa ilu jiġi ppubblikat għal dawn l-aħħar tliet snin, u l-qligħ tiegħu jmur kollu għall-Community Chest Fund.

Din is-sena kien deċiż li r-riċetti kollha tal-ktieb ikunu riċetti minn kunventi u monasteri differenti. Ħutna Lawrenz Briffa u Pawlu Bugeja taw sehem kbir f'dan il-ktieb, permezz ta' numru ta' riċetti ta' ikel differenti, akkumpanjati minn ritratti bil-kulur tal-istess ikel li sajru huma stess. Fil-ktieb ġie inkluż ukoll artiklu u ritratti tas-sett tal-ikel magħmul mill-porċellana li jinsab fil-mużew tal-Provinċja, li kien inħadem fl-1880 mid-ditta *Ironstone Corinth T. Fell & Co*, fi Newcastle fl-Ingilterra.

Il-President ta' Malta, l-E.T. Marie Louise Coleiro-Preca, faħħret din l-inizjattiva u raddet ħajr b'mod speċjali lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom, partikolarment lil Ħutna Pawlu u Lawrenz. Il-ktieb fil-fatt jidher li qajjem interess kbir fost il-pubbliku.

## Gradwazzjoni ta' Ħutna Elmar u Jethro





Il-Ġimgħa 20 ta' Novembru 2015 Ħutna Elmar Pace u Jethro Bajada ggradwaw mill-Università ta' Malta wara li temmew b'suċċess il-kors ta' BA fil-Filosofija. Preżentement huma qed ikomplu l-istudju tat-Teoloġija fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-istess università. Nifirħu ma' dawn Ħutna għas-suċċess sabiħ tagħhom u nitolbu għalihom u għal sħabhom l-oħra sabiex bl-istudju tagħhom ikomplu jagħrfu l-kobor u s-sbuħija tal-fidi tagħna bħala Nsara u fl-istess waqt ikomplu jippreparaw aktar lilhom infushom bil-għan li 'l quddiem ikunu evanġelizzaturi effiċjenti u effikaċi fil-qasam tal-appostolat.



# ROKNA GĦAT-TFAL

**Nipparteċipaw u nitgħallmu nużaw il-Bibbja**

**Agenda**bookshop

## *Kotba* tat-Testment il-Qadim #2

- O Baruk
- O Bin Sirak
- O Danjel
- O Eżekjel
- O Ġeremija
- O Għabija
- O Għamos
- O Għanjiet
- O Ġoel
- O Ġona
- O Ħabakkuk
- O Ħaggaj
- O Hosegħa
- O Isaija
- O Lam
- O Malakija
- O Mikea
- O Naħum
- O Sofonija
- O Żakkarija

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | J | I | K | A | L | A | M | B | A | G | Ħ | Ż |
| E | S | H | X | Ġ | E | R | E | M | I | J | A | F |
| K | S | O | M | A | Ħ | G | I | N | A | K | G | Ġ |
| I | Q | S | F | O | T | S | F | M | K | Ħ | O | Ż |
| M | X | E | L | O | A | G | Ħ | A | B | I | J | A |
| E | F | G | B | I | N | N | R | Q | N | A | M | B |
| Ż | B | Ħ | J | R | H | I | A | L | X | O | I | A |
| E | Ż | A | F | K | J | E | J | F | E | N | Ġ | L |
| K | U | K | K | A | B | A | Ħ | A | S | O | R | E |
| J | Ħ | A | G | G | A | J | B | I | K | H | Ġ | J |
| E | H | O | L | E | K | U | R | A | B | S | Q | N |
| L | Ż | A | Ġ | G | Ħ | A | N | J | I | E | T | A |
| X | M | L | Q | F | K | L | N | A | Ħ | U | M | D |

### Ir-rebbieħa tax-xahar ta' Novembru

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED. Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar.

Rebbieħ ta' TISLIBA 144 ta' Novembru 2015:
Filippa Xuereb - 3 A/16, Triq il-Kbira - Ħaż-Żebbuġ - BG 1410

Rebbieħ tal-Kompetizzjoni ROKNA GĦAT-TFAL ta' Novembru 2015 'Aħseb u wieġeb': Rita Vella Brincat - 38, Triq San Trofimu - Sliema - SLM 1115

Nistiednu liż-żewġ rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini - Il-Furjana.

# TISLIBA #145



1. Din isawwabha bl-abbundanza. (Mal. 3, 10) (5)
2. Biex... ta' ġid. (Neħ. 13, 31) (6)
3. Kellhom din u birdet. (Imħ. 8, 3) (5)
4. X'se nkunu l-ewwel. (Ġak. 1, 18) (5)
5. Hu aħjar minni. (Mt. 3, 11) (4)
6. Bla liġi u bla dan. (1 Tim. 1, 9) (5)
7. Tiġġedded bħal din it-tajra. (S. 103, 5) (5)
8. Norqdu din tal-mewt. (1 Kor. 15, 51) (5)
9. ... sinċier f'qalbek. (Sir. 2, 2) (3)
10. *Nispera* li nkun magħkom. (2 Ġw. 12) (7)
11 u 12. ... l-ħwejjeġ tas-sema. (Kol. 3, 1) (6)
13. X'għamel bid-demm fuq l-artal. (Lev. 9, 12) (6)
14. Għamlu d-dnub. (Lam. 5, 7) (5)
15. Din ma setax jaqsamha. (Eżek. 47, 5) (5)
16. Ittir mill-qiegħa. (Hos. 13, 3) (5)
17. Sewwa u xi ħaġa aktar minnu. (1 Slat. 2, 32) (5)
18. Bħal xiex kien il-baħar. (Naħ. 3, 8) (7)
19. X'radd Ġesù. (Ġw. 19, 30) (4)
20. Jonfoħ u jdur. (Koħ. 1, 6) (3)
21. Jismu Adrija. (Atti 27, 27) (5)
22. Nistennewha sħiħa. (Efes. 1, 14) (5)

### Soluzzjoni għal Tisliba 144:

1. Qerda; 2. Ifirħu; 3. Iftaħ; 4. Baruk; 5. Pika; 6. Kuġin; 7. Eħfef; 8. Aħiju; 9. Dar; 10. Avukati; 11 u 12. Xulxin; 13. Imnara; 14. Iblah; 15. Kisbu; 16. Sardi; 17. Armaw; 18. Bukkija; 19. Kori; 20. Nar; 21. Aħrab; 22. Dorna.



# GĦAJNUNA
## għall-familji
# F'HOLA, IL-KENJA



Proġett Tfal Hola – proġett li ilu li nbeda sa mis-sena 1982. F'dak iż-żmien kien hemm is-sorijiet ta' Wlied il-Qalb ta' Ġesù u issa qiegħed f'idejn il-Kapuċċini.

Dan il-proġett għen ħafna nies matul dawn is-snin. Nies foqra li permezz ta' dan il-proġett setgħu jieħdu ftit tar-ruħ. Qabel ma kellhom xejn f'darhom u issa għandhom sodda fejn jorqdu. Il-kċina kienet tikkonsisti f'borma u platt kbir, waqt li issa kważi għandhom dak li hu neċessarju. Darba niftakar tajniehom fliskatur, barmil, ħabel u labar tal-inxir. Waħda resqet fuqi u qaltli: "Grazzi, Father, tal-affarijiet li tajtna, għax issa ma nonxrux iżjed mas-siġar." Dan il-proġett għen ukoll xi nies li kienu morda u għenhom għall-vjaġġ biex imorru fi sptar fejn setgħu jieħdu kura speċjali. U xi ngħidu għall-edukazzjoni tat-tfal? Fejn hemm tfal żgħar, ħallasnielhom il-miżata tal-iskola u dawk li jmorru l-iskola sekondarja stajna nħallsulhom parti mill-miżati li huma għoljin ħafna, u li qatt żgur ma kienu ser jaslu biex iħallsu. Ta' dan kollu GRAZZI KBIRA lil tant benefatturi tagħna, li xi wħud ilhom għal snin twal, u oħrajn li bdew dan l-aħħar. Il-Mulej iħallaskom tal-karità kbira li qegħdin tagħmlu ma' dawn in-nies.

Imma bħalissa għandna xi tfal li għandhom bżonn l-għajnuna tagħkom. Għalhekk qed inħeġġukom, għeżież qarrejja, biex ikun hemm minnkom li jibdew jgħinu xi tifel/tifla u b'hekk ikun hemm iżjed familji li jkunu jistgħu jgħixu b'mod uman.

Jekk inti interessat/a, ibgħat ismek u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon jew mowbajl fl-indirizz t'hawn isfel.

Jingħata ritratt tat-tifel jew tifla u xi informazzjoni fuqu jew fuqha. Darbtejn fis-sena dawn it-tfal jiktbu kartolina lil min ikun qed jgħinhom. L-għajnuna ssir billi jintbagħtu €120 fis-sena li jistgħu jingħataw f'partijiet ta' €10 fix-xahar. Inti tista' tħallas waħdek jew ma' persuni oħra. Il-flus tista' tmur bihom inti għand Patri Philip Cutajar il-Furjana jew tibgħat ċekk bil-posta f'dan l-indirizz:

Patri Philip Cutajar
'Proġett Tfal Hola',
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana FRN 1211

**Minn issa nirringrazzjakom tal-għajnuna tagħkom. Il-Mulej iħallsek ta' dak kollu li tagħmel ma' min hu fqir.**

***Patri Joe Galea OFMCap***
***Missjunarju f'Hola, il-Kenja***

**JIENA NIXTIEQ NIBDA NGĦIN TIFEL/TIFLA MILL-PROĠETT HOLA, IL-KENJA**

Isem u kunjom: ____________________

Indirizz: ____________________

____________________

Tel: __________ Mowbajl: __________ Kodiċi Postali: __________